IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 2.6.2025
COM(2025) 268 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL U LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

dwart l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (riformulazzjoni)

{SWD(2025) 135 final}

1. INTRODUZZJONI

1.1. Sfond

Ir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġuriżdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (riformulazzjoni)[1], minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament", huwa mingħajr dubju s-sinsla tad-dritt internazzjonali privat tal-UE. Huwa jistabbilixxi regoli uniformi biex tinstab soluzzjoni għal kunflitti ta' ġuriżdizzjoni u jistabbilixxi l-istandard għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa ta' sentenzi, strumenti awtentiċi, u soluzzjonijiet bil-qorti fl-Unjoni Ewropea bl-għan aħħari li jiffaċilita l-aċċess għall-ġustizzja fl-oqsma kollha tal-liġi ċivili u kummerċjali barra mill-isfera tal-liġi tal-familja, is-suċċessjoni u l-insolvenza. Huwa ħassar u ssostitwixxa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 dwar ġuriżdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali[2] ("ir-Regolament Brussell I"). Ir-Regolament fil-biċċa l-kbira kkonferma u saħħaħ id-dispożizzjonijiet tal-predeċessur tiegħu, iżda introduċa wkoll novitajiet rilevanti, bħall-abolizzjoni tal-*exequatur*.

Ir-Regolament, kif emendat fl-2014[3], ilu jiġi applikat mill-10 ta' Jannar 2015 bejn l-Istati Membri kollha, inkluża d-Danimarka[4].

1.2. It-tħejjija u l-għanijiet ta' dan ir-Rapport

Dan ir-Rapport tħejja f'konformità mal-Artikolu 79 tar-Regolament. Fit-tħejjija tagħha, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ("il-QĠUE" jew "il-Qorti")[5], kienet tikkostitwixxi sors ewlieni ta' informazzjoni dwar l-applikazzjoni tar-Regolament. Ir-Rapport juża wkoll is-sejbiet tal-istudju kkummissjonat mill-Kummissjoni biex jappoġġja t-tħejjija ta' dan ir-Rapport[6] ("l-Istudju"). L-Istati Membri ġew ikkonsultati bħala parti minn dan l-Istudju u l-fehmiet tagħhom, kif ukoll l-elementi addizzjonali pprovduti minn ċerti Stati Membri wara t-talba tal-Kummissjoni fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar Materji Ċivili (Kwistjonijiet Ġenerali) tat-28 ta' Frar 2024, ġew meqjusa.

Dan ir-Rapport ġie infurmat ukoll mis-sejbiet tal-proġett JUDGTRUST[7], u l-informazzjoni dwar l-applikazzjoni prattika tar-Regolament miġbura permezz tan-Network Ġudizzjarju Ewropew fil-Materji Ċivili u Kummerċjali matul l-2023. Fl-aħħar nett, il-ġurisprudenza nazzjonali rilevanti, meta disponibbli, ġiet ikkonsultata fit-tħejjija ta' dan ir-Rapport.

---

1 ĠU L 351, 20.12.2012, p. 1.

2 ĠU L 12, 16.1.2001, p. 1.

3 Ir-Regolament (UE) Nru 542/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1215/2012 fir-rigward tar-regoli li għandhom jiġu applikati fir-rigward tal-Qorti Unifikata tal-Privattivi u l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Benelux, ĠU L 163, 29.5.2014, p. 1. L-emenda kellha l-għan li l-ewwel tippermetti l-implimentazzjoni tal-hekk imsejjaħ "pakkett tal-privattivi", billi tippermetti d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar il-Qorti Unifikata tal-Privattivi (ĠU C 175, 20.6.2013, p. 1) u t-tieni, billi tiżgura l-konformità mar-Regolament ta' dan il-Ftehim kif ukoll il-Protokoll għat-Trattat tal-Benelux tal-1965.

4 Id-Danimarka tapplika r-Regolament f'konformità mal-Ftehim tad-19 ta' Ottubru 2005 bejn il-Komunità Ewropea u d-Danimarka dwar ġuriżdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f' materji ċivili u kummerċjali, ĠU L 299, 16.11.2005, p. 62.

5 Ġew meqjusa biss is-sentenzi u l-konklużjonijiet tal-Avukati Ġenerali maħruġa qabel l-1 ta' April 2025.

6 L-Istudju tħejja minn Milieu SRL u huwa disponibbli fl-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-UE (europa.eu).

7 Il-proġett "Regulation Brussels Ia: a standard for free circulation of judgments and mutual trust in the European Union" ("Ir-Regolament Brussell Ia; standard għaċ-ċirkolazzjoni libera ta' sentenzi u l-fiduċja konġunta fl-Unjoni Ewropea") (JUDGTRUST) iffinanzjat mill-Programm tal-Ġustizzja tal-Kummissjoni Ewropea (JUST-AG-2017/JUST-JCOO-AG-2017) ġie implimentat mit-T.M.C. Asser Instituut f'kooperazzjoni mal-Università Hamburg, l-Università ta' Antwerp u l-Internationaal Juridisch Instituut. Is-sejbiet ewlenin tal-proġett huma disponibbli fuq: Asser.nl.

L-objettiv tar-Rapport huwa li jippreżenta valutazzjoni ġenerali tal-applikazzjoni tar-Regolament b'enfasi speċjali fuq l-aspetti l-aktar diffiċili tiegħu kif ukoll dawk elenkati b'mod espliċitu fl-Artikolu 79. Barra minn hekk, iħares lejn għadd ta' kwistjonijiet ġodda u emerġenti bħad-diġitalizzazzjoni, ir-rimedju kollettiv u oqsma li jistgħu jibbenefikaw mis-simplifikazzjoni u l-modernizzazzjoni tar-regoli attwali.

Informazzjoni addizzjonali dwar kwistjonijiet magħżula, inkluża analiżi aktar dettaljata, u referenzi għall-ġurisprudenza tal-QĠUE huma inklużi fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanja dan ir-Rapport.

1.3. Ħarsa ġenerali lejn l-applikazzjoni tar-Regolament

Hemm qbil ġenerali li r-Regolament huwa strument ta' suċċess kbir u t-titjib li pprovda, bħall-abolizzjoni tal-*exequatur*, saħħaħ il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kummerċjali u bħala tali ntlaqa' tajjeb mill-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati. Ir-regoli tar-Regolament, b'mod ġenerali, huma meqjusa ċari u sempliċi u, għal din ir-raġuni, huma apprezzati ħafna fost il-prattikanti.

Hemm ukoll kunsens wiesa' li fil-prinċipju l-ġurisprudenza tal-QĠUE tipprovdi gwida u assistenza suffiċjenti għall-ġudikatura meta tapplika r-regoli tar-Regolament. Madankollu, dwar xi kwistjonijiet speċifiċi diversi Stati Membri huma tal-fehma li l-interpretazzjoni tar-Regolament tqajjem kwistjonijiet kumplessi, u jissuġġerixxu kjarifiki mil-leġiżlatur.

Minħabba s-sodisfazzjon ġenerali bit-tħaddim tar-Regolament, kwalunkwe modifika għandha twieġeb għal diffikultajiet prattiċi reali u ma għandhiex twassal għal bidla radikali tas-sistema li tiffunzjona tajjeb tar-Regolament. B'mod partikolari, tali modifiki għandhom jkollhom l-għan li jissimplifikaw aktar ir-Regolament u jnaqqsu l-piżijiet amministrattivi, speċifikament għal partijiet aktar dgħajfa, bħall-konsumaturi, jew għall-SMEs. Fl-istess ħin, id-diffikultajiet li jistgħu jiġu solvuti b'mod adegwat minn ġurisprudenza futura għandhom jitħallew barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' kwalunkwe intervent leġiżlattiv.

2. KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET

2.1. Kamp ta' applikazzjoni (Artikolu 1)

Ir-Regolament japplika f'materji ċivili u kummerċjali f'kawżi b'implikazzjonijiet transfruntiera. Għadd ta' suġġetti li altrimenti jistgħu jiġu kklassifikati bħala ċivili jew kummerċjali huma espressament eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni. B'mod ġenerali, id-dispożizzjonijiet tal-kamp ta' applikazzjoni jiffunzjonaw tajjeb, iżda xi kwistjonijiet ta' interpretazzjoni jidhru li jirritornaw regolarment, b'mod partikolari fir-rigward tal-kunċett ta' implikazzjonijiet transfruntiera jew l-esklużjoni tal-arbitraġġ.

Mill-ġurisprudenza tal-QĠUE u mill-konsultazzjonijiet imwettqa fil-qafas tal-Istudju jirriżulta li għadd ta' kwistjonijiet jeħtieġu attenzjoni speċjali fil-valutazzjoni tal-applikazzjoni tar-Regolament:

- L-istandard li għandu jintuża sabiex jiġi deċiż jekk kwistjoni għandhiex implikazzjonijiet transfruntiera.
- Id-definizzjoni ta' "ċivili u kummerċjali".
- Id-delineazzjoni ta' pretensjonijiet relatati mal-insolvenza (eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni).

- L-esklużjoni tal-arbitraġġ[8].

L-esklużjoni tal-arbitraġġ

Kwistjonijiet relatati mal-arbitraġġ ġew eskluży mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament minn mindu ġiet adottata l-Konvenzjoni ta' Brussell fl-1968. Madankollu, ir-Regolament saħħaħ din l-esklużjoni billi daħħal lingwaġġ li jiċċara l-Premessa 12, kif ukoll dispożizzjoni speċifika fl-Artikolu 73(2) bl-għan li tiġi evitata kwalunkwe duplikazzjoni mal-Konvenzjoni dwar ir-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni ta' Deċiżjonijiet ta' Arbitraġġ Barranin[9] ("il-Konvenzjoni ta' New York").

F'*London Steam-Ship Owners' Mutual Insurance Association* (C-700/20) deċiża fl-2022 skont ir-Regolament Brussell I, il-QĠUE ddeċidiet li sentenza irrikonċiljabbli mogħtija fit-termini ta' deċiżjoni ta' arbitraġġ tista' tipprevjeni r-rikonoxximent ta' sentenza minn Stat Membru ieħor abbażi tal-Artikolu 34(3) tar-Regolament Brussell I (l-Artikolu 45 tar-Regolament), iżda mbagħad rabtet l-applikabbiltà tar-raġuni għar-rifjut mal-kundizzjoni li tkun disponibbli biss meta l-kontenut tad-deċiżjoni ta' arbitraġġ seta' kien is-suġġett ta' sentenza mogħtija f'konformità mar-regoli tar-Regolament Brussell I. Għandu jiġi nnotat f'dan il-kuntest li l-Qorti waslet għal din id-deċiżjoni mhux fuq il-bażi ta' irrikonċiljabbiltà tas-sentenza barranija ma' deċiżjoni ta' arbitraġġ iżda biss b'referenza għal sentenza li tikkonferma deċiżjoni ta' arbitraġġ. Fl-istess ħin, il-Qorti ddeċidiet li l-eċċezzjoni tal-ordni pubbliku ma tistax tiġi invokata fuq il-bażi ta' tali irrikonċiljabbiltà.

L-Istudju żvela stampa mħallta. Filwaqt li l-maġġoranza tar-rispondenti ma ltaqgħu mal-ebda kwistjoni dwar l-applikazzjoni ta' din l-esklużjoni, il-ġurisprudenza nazzjonali fi tmien Stati Membri turi li l-eċċezzjoni tal-arbitraġġ tkopri mhux biss ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet ta' arbitraġġ, iżda wkoll dik ta' sentenzi li jikkonfermaw tali deċiżjonijiet. Din il-prattika tidher li tmur kontra s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja f'*London Steam-Ship Owners' Mutual Insurance Association*.

Is-sentenza tal-QĠUE tindika wkoll kwistjoni oħra, jiġifieri n-nuqqas ta' regola *lis pendens* rigward il-proċedimenti ta' arbitraġġ. Fil-fatt, ir-riskju ta' irrikonċiljabbiltà bejn deċiżjonijiet ta' arbitraġġ jew is-sentenzi li jikkonfermaw tali deċiżjonijiet u sentenzi oħra probabbilment jitnaqqas jew saħansitra jiġi eliminat jekk ir-Regolament ikollu regola ċara ta' prijorità f'ċirkostanzi bħal dawn.

B'riżultat ta' dan, rieżami futur possibbli jista' jkompli jeżamina jekk ċerti sitwazzjonijiet prattiċi jistgħux jiġu indirizzati fir-Regolament, pereżempju billi tiġi pprovduta regola ta' *lis pendens* ċara li tista' tipprevjeni sitwazzjonijiet ta' irrikonċiljabbiltà bejn deċiżjoni/sentenza ta' arbitraġġ li tikkonferma tali deċiżjoni u sentenza oħra.

2.2. Definizzjonijiet (Artikoli 2 u 3)

Ir-Regolament fih għadd ta' definizzjonijiet fl-Artikolu 2, fost l-oħrajn ta' "sentenza", "soluzzjoni bil-qorti" jew "strument awtentiku".

Id-definizzjoni ta' "sentenza" tirreferi għal kwalunkwe att bħal dan tal-ġudikatura, irrispettivament minn kif jissejjaħ, maħruġ minn "qorti jew tribunal ta' Stat Membru". Ir-Regolament ma fihx definizzjoni ta' "qorti jew tribunal".

[8] Bl-eċċezzjoni ta' dan il-punt, analizzat hawn taħt, it-tliet kwistjonijiet l-oħra huma ppreżentati f'aktar dettall fil-Parti I tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanja dan ir-Rapport.

[9] Il-Konvenzjoni dwar ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet ta' arbitraġġ barranin adottata fl-10 ta' Ġunju 1958, daħlet fis-seħħ fis-7 ta' Ġunju 1959 330 UNTS 38.

Bħala novità fir-Regolament, l-Artikolu 2(a) espressament estenda d-definizzjoni ta' sentenza biex tinkludi ċerti tipi ta' miżuri proviżorji, inklużi miżuri protettivi. Madankollu, huwa jissuġġetta r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' tali miżuri fi Stati Membri oħra għal żewġ kundizzjonijiet.

L-ewwel nett, huwa jillimita ċ-ċirkolazzjoni ta' miżuri provviżorji għal dawk ordnati mill-qrati li għandhom ġuriżdizzjoni fuq il-mertu tal-kwistjoni skont ir-Regolament. Dan ifisser li filwaqt li miżuri proviżorji xorta jistgħu jiġu ordnati minn qrati li għandhom ġuriżdizzjoni dwar is-sustanza tal-kwistjoni skont il-liġi nazzjonali, tali deċiżjonijiet ma jistgħux jiġu rikonoxxuti u eżegwiti barra mill-pajjiż skont ir-Regolament.

It-tieni, id-definizzjoni tikkodifika l-ġurisprudenza eżistenti (ara, pereżempju, *Denilauler*, 125/79) biex teskludi miċ-ċirkolazzjoni miżuri purament *ex parte*. B'riżultat ta' dan, il-miżuri proviżorji jistgħu jiġu rikonoxxuti jew eżegwiti biss jekk id-debitur ikun ġie mħarrek biex jidher jew ikun ġie nnotifikat bid-deċiżjoni li jkun fiha l-miżuri qabel l-eżekuzzjoni. Din l-esklużjoni ta' miżuri provviżorji *ex parte* miċ-ċirkolazzjoni skont ir-Regolament tidher li toħloq xi problemi prattiċi. Pereżempju, l-Istudju wera li fl-AT u fiċ-CZ il-biċċa l-kbira tal-miżuri provviżorji huma *ex parte* u għalhekk ma jistgħux jibbenefikaw mill-eżekuzzjoni skont ir-Regolament. B'mod aktar ġenerali, filwaqt li s-sistema attwali tiffavorixxi l-protezzjoni tad-drittijiet proċedurali tal-konvenut, huwa element ewlieni tal-miżuri provviżorji, jiġifieri l-kapaċità tagħhom li jiġu eżegwiti malajr u b'mod effiċjenti. Skont ir-reġim attwali, kreditur irid jagħżel bejn l-effett ta' sorpriża inerenti fi proċedimenti *ex parte* u restrizzjoni tal-eżegwibbiltà tal-miżuri għall-Istat Membru meta jkunu ngħataw u bejn deċiżjoni li tista' tiċċirkola iżda li trid tkun ibbażata fuq l-involviment minn qabel (u b'hekk it-twissija) tad-debitur.

Kwistjoni oħra tikkonċerna l-awtoritajiet espressament stipulati fl-Artikolu 3 bħala "qorti" għall-finijiet tar-Regolament. F'*Pula Parking* (C-551/15), meta ffaċċjata bil-mistoqsija dwar jekk in-nutara Kroati jistgħux jiġu kkwalifikati bħala "qorti jew tribunal" skont ir-Regolament, il-QĠUE wieġbet fin-negattiv, filwaqt li kkwotat in-nuqqas ta' proċedimenti *inter partes* bħala r-raġuni ewlenija f'konformità mal-ġurisprudenza preċedenti (*Denilauler*, 125/79). Madankollu, jeħtieġ li jiġi meqjus li l-proċedura Kroata hija simili ħafna għall-proċedimenti tal-ordni ta' ħlas notarili Ungeriża msemmija fl-Artikolu 3(a) tar-Regolament. Ma huwiex sorprendenti, anki minn perspettiva ta' trattament ugwali, li l-biċċa l-kbira tar-rispondenti li qiesu l-kunċett ta' "qorti jew tribunal" problematiku kienu mill-Kroazja u li xi Stati Membri ddikjaraw li fil-każ ta' emenda jew riformulazzjoni huma jixtiequ jintroduċu entitajiet addizzjonali skont l-eċċezzjonijiet tal-Artikolu 3. Il-maġġoranza kbira tar-rispondenti fl-Istudju ma sabu l-ebda kwistjoni bid-definizzjonijiet fir-Regolament.

B'riżultat ta' dan, rieżami futur possibbli tar-Regolament jista' jkompli jeżamina din il-kwistjoni, inkluża l-possibbiltà li tiġi pprovduta definizzjoni jew deskrizzjoni tal-kunċett ta' "qorti jew tribunal" li, minn naħa waħda, itejjeb l-effettività tar-Regolament u, min-naħa l-oħra, possibbilment ineħħi l-ħtieġa li jiġu previsti eċċezzjonijiet. Hija meħtieġa wkoll aktar riflessjoni dwar il-kunċett ta' miżuri proviżorji, b'mod partikolari dwar jekk għandhomx jiġu inklużi miżuri *ex parte*.

3. ĠURIŻDIZZJONI

3.1. Estensjoni possibbli tar-regoli dwar il-ġuriżdizzjoni għall-konvenuti domiċiljati f'pajjiżi terzi

Ir-regoli dwar il-ġuriżdizzjoni stabbiliti fil-Kapitolu II tar-Regolament japplikaw għal kawżi meta l-konvenut ikun domiċiljat fi Stat Membru, ħlief għal xi sitwazzjonijiet speċifiċi

(kuntratti konklużi mill-konsumaturi, kuntratti individwali ta' impjieg, sitwazzjonijiet meta l-qrati jkollhom ġuriżdizzjoni esklużiva jew meta tintgħażel qorti mill-partijiet). Għal kwalunkwe tilwim ieħor li jinvolvi konvenut domiċiljat barra mill-Unjoni, il-ġuriżdizzjoni hija rregolata mil-liġijiet nazzjonali tal-Istati Membri[10].

Il-proposta tal-Kummissjoni tal-2010 għar-riformulazzjoni tar-Regolament Brussell I[11] (il-"Proposta tal-2010") issuġġeriet l-estensjoni tar-Regolament biex ikopri wkoll il-ġuriżdizzjoni f'tilwim meta l-konvenuti jkunu domiċiljati barra mill-Unjoni. Matul il-proċess leġiżlattiv tqies li tali soluzzjoni tkun xierqa f'xi sitwazzjonijiet, pereżempju meta waħda mill-partijiet fil-kuntratt titqies bħala parti aktar dgħajfa (bħal f'kuntratti konklużi mill-konsumaturi jew f'kuntratti individwali ta' impjieg), iżda li għal applikazzjoni ġenerali tkun preferibbli soluzzjoni multilaterali. Dak iż-żmien setgħet tiġi prevista tali soluzzjoni multilaterali, b'mod partikolari fil-qafas tal-Konferenza ta' The Hague dwar id-Dritt Internazzjonali Privat.

Tali soluzzjoni setgħet tinstab fil-qafas tan-negozjati li kienu għaddejjin dak iż-żmien li eventwalment wasslu għall-adozzjoni fl-2019 tal-Konvenzjoni dwar ir-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi Barranin f'Materji Ċivili jew Kummerċjali (il-"Konvenzjoni dwar is-Sentenzi"). Madankollu, dak l-istrument ma fihx raġunijiet diretti ta' ġuriżdizzjoni, iżda jirreferi biss għal ġuriżdizzjoni b'mod indirett, bħala prekundizzjoni għar-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni. Bħalissa għadha għaddejja ħidma fil-Konferenza ta' The Hague fil-qasam tal-ġuriżdizzjoni, iżda din il-ħidma x'aktarx li ma twassalx għal soluzzjoni multilaterali vinkolanti għal raġunijiet diretti ta' ġuriżdizzjoni.

In-nuqqas ta' tali regoli fir-Regolament joħloq diversi sfidi[12]. L-ewwel nett, peress li l-liġijiet nazzjonali tal-Istati Membri jvarjaw ħafna, is-sitwazzjoni attwali toħloq aċċess mhux ugwali għall-ġustizzja u kundizzjonijiet mhux ekwi għan-negozji u ċ-ċittadini tal-UE u mhux tal-UE li huma involuti f'negozjati internazzjonali (barra mill-UE) li jiddependi sempliċiment fejn għandhom id-domiċilju tagħhom. Filwaqt li l-partijiet f'xi Stati Membri jistgħu jħarrku lil konvenuti ta' pajjiżi terzi abbażi ta' firxa kbira ta' raġunijiet ġurisdizzjonali, inklużi xi drabi dawk eżorbitanti, partijiet oħra fi Stati Membri oħra jistgħu jiffaċċjaw spettru aktar limitat ta' raġunijiet ġurisdizzjonali biex iħarrku lil tali partijiet[13]. Dan il-livell mhux ugwali huwa aggravat aktar mill-fatt li s-sentenzi inkwistjoni jistgħu jiġu rikonoxxuti u eżegwiti fl-Unjoni kollha abbażi tar-Regolament, anki meta l-ġuriżdizzjoni tal-qorti tal-oriġini tkun eżorbitanti.

Barra minn hekk, din is-sitwazzjoni tidher li għandha impatt negattiv fuq il-litigazzjoni dwar in-negozju u d-drittijiet tal-bniedem. F'dan it-tip ta' litigazzjoni spiss il-vittmi[14] jfittxu li jfittxu kemm negozju barrani domiċiljat barra mill-UE kif ukoll kumpanija omm dominanti, spiss ibbażata fl-UE. Stati Membri differenti għandhom regoli differenti dwar il-possibbiltà li tiġi stabbilita ġuriżdizzjoni fuq is-sussidjarja ta' pajjiż terz fis-sede tal-kumpanija omm. Din is-sitwazzjoni toħloq inċertezza legali u, għal darb'oħra, tpoġġi lill-partijiet tal-UE, f'dan il-każ kemm l-attur kif ukoll il-kumpanija omm tal-UE konvenuta, fuq livell mhux ugwali. Ir-regoli attwali tal-Artikolu 8, li jippermettu l-konċentrazzjoni tal-proċediment fid-domiċilju ta' wieħed mill-konvenuti, ma japplikawx jekk wieħed minnhom ikun domiċiljat barra mill-UE

[10] Ara l-Artikolu 6 tar-Regolament.

[11] Ara l-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġuriżdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali, 14.12.2010 COM(2010) 748 final.

[12] Kif ikkonfermat mill-attivitajiet ta' konsultazzjoni mwettqa fil-qafas tal-Istudju.

[13] Dan jista' jkun ta' rilevanza pereżempju fir-rigward ta' influwenzaturi domiċiljati barra mill-UE li huma involuti fil-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti vis-à-vis xerrejja tal-UE mingħajr ma jkunu l-bejjiegħa ta' dawk il-prodotti.

[14] Irrispettivament mid-domiċilju tal-vittma, fl-UE jew barra minnha.

(ara *Sapir et* (C-645/11)). Dan ifisser li jekk ir-regoli nazzjonali ma jippermettux il-konċentrazzjoni tal-proċedimenti jista' jkun hemm żewġ kawżi paralleli, wieħed kontra l-kumpanija omm fl-UE u l-ieħor kontra s-sussidjarja fil-pajjiż terz, bir-riskju li jkun hemm sentenzi irrikonċiljabbli.

L-Istudju żvela stampa mħallta dwar l-estensjoni tar-regoli ta' ġuriżdizzjoni għall-konvenuti domiċiljati f'pajjiżi terzi. Ħafna mir-rispondenti ma kellhomx opinjoni dwar jekk in-nuqqas ta' tali regoli jikkostitwixxix problema. Il-maġġoranza tal-Istati Membri ma qisux in-nuqqas ta' regoli bħala kwistjoni iżda xi wħud ikkritikaw is-sitwazzjoni attwali bħala żieda fil-kostijiet tat-tranżazzjonijiet u żieda fil-kumplessità għall-atturi, il-prattikanti, u l-ġudikatura.

B'riżultat ta' dan, rieżami futur possibbli tar-Regolament jista' jkompli jeżamina l-kwistjoni tal-estensjoni tar-regoli ġurisdizzjonali biex jinkludu tilwim li jinvolvi konvenuti domiċiljati barra mill-Unjoni.

3.2. Ġuriżdizzjoni speċjali (l-Artikoli 7 – 9)

L-Istudju u r-Rapporti Nazzjonali tal-proġett JUDGTRUST juru b'mod mhux sorprendenti li, fost ir-regoli dwar il-ġuriżdizzjoni speċjali, l-Artikolu 7 huwa invokat l-aktar ta' spiss, filwaqt li l-Artikolu 8 rarament jiġi applikat[15] u kważi ma hemm l-ebda prattika jew diskussjoni fil-letteratura relatata mal-Artikolu 9[16].

L-Artikolu 7 ġie modifikat ftit biss matul il-proċess ta' riformulazzjoni preċedenti u għadu jiġi applikat b'mod estensiv mill-qrati nazzjonali. B'riżultat ta' dan, iġġenera aktar riferimenti għal deċiżjonijiet preliminari lill-QĠUE minn kwalunkwe dispożizzjoni oħra tar-Regolament.

Il-maġġoranza tal-Istati Membri rrapportaw li l-applikazzjoni tal-Artikolu 7 ma kinitx problematika. Skont l-Istudju, ma ġiet irrapportata l-ebda kwistjoni dwar l-operat tal-Artikoli 7(3) sa 7(7)[17], peress li dawn jibqgħu jiġu applikati rarament fil-prattika. Madankollu, bosta riferimenti mill-qrati nazzjonali lill-QĠUE, kif appoġġjati mit-tweġibiet ta' diversi Stati Membri, jiżvelaw diversi kwistjonijiet ewlenin relatati mal-Artikoli 7(1) u 7(2):

- Interpretazzjoni dejjem aktar wiesgħa tal-kamp ta' applikazzjoni ta' "materji li għandhom x'jaqsmu ma' xi kuntratt".
- Id-determinazzjoni tal-post tal-eżekuzzjoni tal-obbligi kuntrattwali.
- Id-determinazzjoni tal-post tad-dannu f'kawżi ta' telf purament finanzjarju.
- L-applikazzjoni tal-prinċipju "mużajk" f'kawżi li jinvolvu l-ksur tad-drittijiet tal-privatezza.

3.2.1. L-Artikolu 7(1)

L-Artikolu 7(1) jistabbilixxi regola ta' ġuriżdizzjoni speċjali f'tilwim li jikkonċerna obbligi kuntrattwali. Madankollu, hija ma tistabbilixxix id-definizzjoni ta' materji kuntrattwali u ma tipprovdi l-ebda indizju f'dan ir-rigward.

Sentenzi reċenti tal-QĠUE, bħal *flightright GmbH* (Kawżi Magħquda C-274/16, C-447/16, u C-448/16) u *Feniks* (C-337/17), juru li l-kunċett ta' "kwistjonijiet relatati ma' kuntratt" huwa interpretat b'mod wiesa'. Dan il-kunċett jestendi għal azzjonijiet li jistgħu jkunu marbuta ma'

[15] Madankollu, ta' min jinnota li r-riferimenti reċenti lill-QĠUE juru użu dejjem akbar tal-Artikolu 8(1) f'każijiet ta' kartell. Analiżi dettaljata tal-applikazzjoni tal-Artikolu 8(1) hija inkluża fil-Parti I tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanja dan ir-Rapport ma' dan ir-Rapport.

[16] Għal din ir-raġuni, dan ir-Rapport ma jħarisx lejn l-applikazzjoni tal-Artikolu 9.

[17] Ħlief għal diskussjonijiet akkademiċi li jikkonċernaw l-Artikoli 7(4) u 7(5) f'għadd żgħir ta' Stati Membri.

kuntratt, anki jekk l-ebda kuntratt ma jkun ġie konkluż bejn il-partijiet fil-proċedimenti[18], jekk il-kuntratt ikun ikkontestat jew null, jew jekk il-kuntratt ikun sar bejn partijiet differenti minn dawk involuti fil-proċedimenti.

L-Istudju u r-riferimenti mill-qrati nazzjonali lill-QĠUE juru li l-interpretazzjoni wiesgħa ta' "kwistjonijiet relatati ma' kuntratt" tista' tippreżenta diffikultajiet prattiċi f'xi kawżi, b'mod partikolari meta tali interpretazzjoni tkun differenti mill-interpretazzjoni ta' kunċetti nazzjonali simili jew titqies li hija ta' sfida għar-rikonċiljazzjoni mal-prinċipji ta' prossimità u prevedibbiltà sottostanti għall-Artikolu 7(1). F'dan ir-rigward, huwa ssuġġerit li l-interpretazzjoni wiesgħa tal-kunċett ta' "materji li għandhom x'jaqsmu ma' kuntratt" tista' twassal għal inċertezzi legali sinjifikattivi għal terzi, li jistgħu jsibu ruħhom imħarrka fil-post tal-eżekuzzjoni ta' kuntratt li ma kinux jafu bih. Dan it-tħassib huwa partikolarment rilevanti għal pretensjonijiet ibbażati fuq *actio pauliana*, li, skont is-sentenza f'*Feniks* (C-337/17), huma meqjusa wkoll bħala "kwistjonijiet relatati ma' kuntratt".

Ladarba qorti nazzjonali tistabbilixxi li sitwazzjoni taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 7(1), jiġifieri, hija "kwistjoni relatata ma' kuntratt", hija għandha tiddetermina l-post tal-eżekuzzjoni tal-obbligu kuntrattwali. Dan jidher li huwa ta' sfida minħabba l-fatt li s-soluzzjonijiet adottati mill-QĠUE[19] f'kawżi speċifiċi mhux dejjem jistgħu jiġu estiżi għal kawżi b'ambjenti fattwali differenti, speċjalment f'sitwazzjonijiet li jinvolvu diversi postijiet ta' prestazzjoni, u obbligi multipli, jew fir-rigward ta' kuntratti li ma jinvolvu l-ebda trasferiment fiżiku ta' oġġetti, li huma dejjem aktar rilevanti fl-ekonomija diġitali (eż. kuntratti għall-forniment ta' servizzi diġitali jew kontenut diġitali, inkluża d-data). Dan l-aħħar aspett huwa muri minn sentenza reċenti f'*VariusSystems* (C-526/23), meta l-post ta' eżekuzzjoni kellu jiġi ddeterminat għal kuntratt li permezz tiegħu r-rikorrenti, ibbażata fl-Awstrija, żviluppat u pprovdiet software għall-konvenuta, ibbażata fil-Ġermanja, għall-evalwazzjoni tat-testijiet ta' skrinjar tal-COVID-19 għall-użu f'ċentri ta' ttestjar Ġermaniżi. F'din il-kawża, il-qorti tar-rinviju kellha dubji dwar jekk il-post ta' eżekuzzjoni huwiex fl-Awstrija, fejn jitwettaq il-ħolqien intellettwali ("programmar") wara s-software u l-impriża hija stabbilita jew fil-Ġermanja fejn is-software jasal għand il-klijent u jiġi aċċessat u użat.

Fir-rigward tad-determinazzjoni tal-post ta' eżekuzzjoni f'kawżi li jinvolvu diversi postijiet ta' eżekuzzjoni, il-fatt li l-qrati nazzjonali jkomplu jfittxu gwida dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 7(1) mill-QĠUE kull darba li sitwazzjoni fil-proċedimenti prinċipali tkun differenti minn dawk indirizzati qabel mill-QĠUE jissuġġerixxi li jista' jkun hemm ħtieġa għal gwida aktar ġenerali, aktar u aktar peress li r-regola fl-Artikolu 7(1) tirregola mhux biss il-ġuriżdizzjoni internazzjonali iżda wkoll il-ġuriżdizzjoni territorjali fi Stat Membru.[20][21]

Fl-aħħar nett, fir-rigward tad-determinazzjoni tal-post tal-eżekuzzjoni, l-Istudju jiżvela li xi Stati Membri jesprimu tħassib dwar dak li huma jqisu bħala struttura kumplessa tal-Artikolu 7(1). L-Artikolu 7(1) jipprevedi kunċett awtonomu tal-post ta' eżekuzzjoni għal żewġ tipi ta' kuntratti (bejgħ u servizzi) fl-Artikolu 7(1)(b), filwaqt li jżomm il-formula rari *Tessili-*

---

[18] Pereżempju, meta passiġġier jitlob lit-trasportatur li jopera jħallas kumpens għal titjira mdewma, minkejja l-fatt li l-kuntratt ġie konkluż ma' trasportatur differenti.

[19] Ara, għal dak l-għan, is-sentenzi tat-3 ta' Mejju 2007, *.Color Drack*, C-386/05, ECLI:EU:C:2007:262, tad-9 ta' Lulju 2009, *Rehder*, C-204/98, ECLI:EU:C:2009:439, tal-11 ta' Marzu 2010, *Wood Floor Solutions Andreas Domberger GmbH v Silva Trade SA*, C-19/09, ECLI:EU:C:2010:137.

[20] Kwistjonijiet simili fl-applikazzjoni tal-Artikolu 7(2) f'kawżi meta d-dannu jseħħ f'diversi postijiet ġew evidenzjati mill-qorti Netherlandiża f'rinviju reċenti (*Apple*, C-34/24)).

[21] Skont l-Istudju, f'tali kawżi (u b'mod aktar ġenerali fil-kawżi kollha meta d-determinazzjoni tal-post tal-eżekuzzjoni hija diffiċli), xi akkademiċi jissuġġerixxu li l-Artikolu 7(1) ma jkunx disponibbli għar-rikorrenti. Alternattivament, huma jissuġġerixxu, soġġett għal diversi kundizzjonijiet, is-sostituzzjoni tal-kriterju fl-Artikolu 7(1) bid-domiċilju tar-rikorrent.

applikata għal tipi oħra ta' kuntratti fl-Artikolu 7(1)(c), għalkemm dik il-formula titqies bħala partikolarment ikkumplikata u mhux xierqa fil-prattika. F'konformità ma' *Tessili* (12/76), il-qrati nazzjonali jridu jibbażaw fuq il-liġi nazzjonali applikabbli biex jiddeterminaw il-post tal-eżekuzzjoni fin-nuqqas ta' ftehim mill-partijiet f'dak ir-rigward. Dan ifisser li, diġà fl-istadju tal-valutazzjoni tal-ġuriżdizzjoni, il-qrati nazzjonali jridu jwettqu eżerċizzju f'diversi stadji: l-ewwel nett, huma jridu jiddeterminaw liema huwa l-"obbligu inkwistjoni", bħala t-tieni pass, huma għandhom jiddeterminaw id-dritt sostantiv applikabbli bbażat fuq ir-regoli ta' kunflitt tal-liġijiet u huwa biss f'dak il-każ li l-qrati jistgħu japplikaw dak id-dritt sostantiv nazzjonali sabiex jiddeterminaw il-post tal-eżekuzzjoni.

Ir-rieżami futur tar-Regolament jista' jeżamina l-possibbiltajiet li jiġu ssimplifikati r-regoli dwar il-post tal-eżekuzzjoni fl-Artikolu 7(1).

3.2.2. Artikolu 7(2)

Filwaqt li l-Artikolu 7(1) jikkonċerna obbligi kuntrattwali, l-Artikolu 7(2) jistabbilixxi regoli ta' ġuriżdizzjoni speċjali għad-danni (tort). L-interpretazzjoni awtonoma tal-kunċett ta' "danni" (tort) ħolqot xi kumplessitajiet[22] iżda d-delineazzjoni bejn l-Artikolu 7(1) u l-Artikolu 7(2) ma kkawżatx problemi kbar fil-prattika, parzjalment minħabba l-gwida komprensiva reċenti pprovduta mill-QĠUE f'*Wikingerhof* (C-59/19)[23].

Il-lokalizzazzjoni tal-post tad-dannu f'każijiet ta' telf purament finanzjarju u ż-żamma tal-prinċipju mużajk f'każijiet li jinvolvu l-ksur tad-drittijiet tal-personalità jidhru li huma l-aktar aspetti problematiċi tal-applikazzjoni tal-Artikolu 7(2).

- *Lokalizzazzjoni ta' telf purament finanzjarju*

Fir-rigward tal-lokalizzazzjoni ta' dannu purament finanzjarju, il-QĠUE żviluppat korp sostanzjali ta' ġurisprudenza, li jista', madankollu, mhux dejjem joffri l-livell mixtieq ta' ċertezza legali. Jidher li sentenzi bħal *Kolassa* (C-375/13) u *Universal Music* (C-12/15)[24] ma pprovdewx gwida komprensiva, li wasslet għal talbiet ulterjuri mill-qrati nazzjonali għal kjarifika tal-Artikolu 7(2).

---

[22] Diversi Stati Membri rrapportaw li huma jqisu din l-interpretazzjoni awtonoma bħala kumplessa, inkonsistenti u sors ta' inċertezza legali. Pereżempju, f'*Brogsitter* (C-548/12) il-QĠUE ddeċidiet li l-pretensjoni għal responsabbiltà ċivili inkwistjoni kellha titqies bħala "kwistjoni relatata ma' kuntratt" minkejja l-kwalifika tagħha bħala danni (tort) skont il-liġi nazzjonali. Barra minn hekk, skont il-ġurisprudenza tal-QĠUE kunċett wieħed fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Ruma II (*culpa in contrahendo*) jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament, filwaqt li ieħor (arrikkiment indebitu) ma jaqax.

[23] Fil-punti 32 u 33 ta' din is-sentenza, il-QĠUE stabbiliet li azzjoni tikkonċerna kwistjonijiet relatati ma' kuntratt jekk l-interpretazzjoni tal-kuntratt bejn il-konvenut u r-rikorrent tidher indispensabbli biex tiġi stabbilita n-natura legali jew, għall-kuntrarju, illegali tal-imġiba ikkritikata kontra tal-ewwel minn dan tal-aħħar. Dan huwa b'mod partikolari l-każ ta' azzjoni bbażata fuq it-termini ta' kuntratt jew fuq regoli tad-dritt li huma applikabbli minħabba dan il-kuntratt. Min-naħa l-oħra, meta r-rikorrent jinvoka regoli dwar l-obbligu f'każ ta' danni (tort), delitt jew kważi delitt, jiġifieri ksur ta' obbligu impost mil-liġi, u meta ma jidhirx indispensabbli li jiġi eżaminat il-kontenut tal-kuntratt konkluż mal-konvenut sabiex jiġi evalwat jekk l-imġiba li biha huwa akkużat dan tal-aħħar hijiex legali jew illegali, peress li dan l-obbligu japplika għall-konvenut indipendentement minn dan il-kuntratt, il-kawża tal-azzjoni hija kwistjoni rigward danni (tort), delitt jew kważi delitt fil-punt 2 tal-Artikolu 7 tar-Regolament.

[24] Kemm f'*Kolassa* kif ukoll f'*Universal Music* parti li sofriet dannu purament finanzjarju bħala riżultat ta' kuntratt sfavorevoli talbet danni fuq bażi mhux kuntrattwali mingħand parti terza, li ma kinitx parti għall-kuntratt iżda li kienet responsabbli għall-kuntratt sfavorevoli u d-danni konsegwenzjali. F'*Kolassa*, il-QĠUE ddeċidiet li l-qrati tal-Istat Membru fejn ikun domiċiljat l-investitur u fejn ikun jinsab il-kont bankarju danneġġjat għandhom ġuriżdizzjoni biex jisimgħu pretensjonijiet mhux kuntrattwali transfruntiera li jikkonċernaw telf purament finanzjarju. F'*Universal Music*, il-QĠUE sabet li ma jkunx biżżejjed li wieħed iħares biss lejn il-post tal-kont bankarju fejn id-dannu finanzjarju mmaterjalizza direttament.

Mill-ġurisprudenza tal-Qorti jirriżulta li s-sempliċi lokalizzazzjoni ta' kont ta' investiment ma tistax titqies bħala suffiċjenti sabiex jiġi stabbilit il-post fejn iseħħ telf purament finanzjarju. Barra minn hekk, għadu ma jeżisti l-ebda approċċ li huwa ċar u konsistenti fl-aspetti kollha fir-rigward taċ-ċirkostanzi speċifiċi li għandhom ikunu preżenti sabiex tiġi ddeterminata l-ġuriżdizzjoni tal-qorti f'kawżi li jinvolvu l-post fejn seħħ id-dannu. Dan huwa muri mis-sentenza f' *Kronhofer* (C-168/02), fejn il-QĠUE ddeċidiet li la l-post tad-domiċilju tar-rikorrent u lanqas il-post fejn l-assi tiegħu huma kkonċentrati ma jistgħu jitqiesu bħala fattur li jattribwixxi l-ġuriżdizzjoni jekk il-kont ta' investiment rilevanti jkun f'ġuriżdizzjoni oħra, iżda ma indikatx liema fattur ta' konnessjoni jkun biżżejjed.

Fis-sentenza reċenti tal-QĠUE f'*VEB* (C-709/19), il-QĠUE bbażat ruħha fuq l-hekk imsejħa "lokalizzazzjoni tas-suq" tad-dannu u ddeċidiet li huma biss il-qrati tal-Istat Membru li fih kumpanija elenkata trid tissodisfa l-obbligi ta' rapportar statutorju tagħha li għandhom ġuriżdizzjoni internazzjonali u ċaħdet ir-residenza tal-azzjonisti li ġarrbu telf finanzjarju fil-kontijiet ta' investiment tagħhom bħala fattur deċiżiv fl-istabbiliment tal-post fejn seħħ it-telf. Madankollu, ma huwiex kompletament ċar jekk il-qrati nazzjonali għadhomx iridu jqisu dawn iż-żewġ kriterji jew le meta jiddeterminaw il-post ta' telf purament finanzjarju.

L-inċertezza dwar il-kriterji li l-qrati nazzjonali jridu jqisu meta jiddeterminaw il-post tat-telf purament finanzjarju għall-fini ta' ġuriżdizzjoni internazzjonali u territorjali u n-nuqqas ta' ċarezza fil-ġurisprudenza tal-QĠUE f'dan ir-rigward ma hijiex mixtieqa u toħloq riskju ta' applikazzjoni mhux uniformi tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament. Għal din ir-raġuni, ġie ssuġġerit li tiġi abbandunata l-għażla bejn il-post tal-avveniment kawżali u l-post fejn seħħ id-dannu f'sitwazzjonijiet li jinvolvu dannu purament finanzjarju, u li tingħata ġuriżdizzjoni biss lill-qrati tal-post tal-avveniment fejn seħħ id-dannu (*locus delicti commissi)*.[25] F'dan il-kuntest, madankollu, wieħed għandu jżomm f'moħħu li r-Regolament Ruma II[26] jammetti biss il-pajjiż fejn iseħħ id-dannu biex jiddetermina l-liġi applikabbli.

- *Ksur tad-drittijiet tal-personalità*

Fir-rigward tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-personalità, il-kontroversji prinċipali jikkonċernaw l-applikazzjoni tal-kriterju tal-post fejn iseħħ id-dannu għall-pubblikazzjonijiet, u l-prinċipju msejjaħ "mużajk" stabbilit għall-ewwel darba f'*Shevill* (C-68/93) fir-rigward tal-pubblikazzjonijiet stampati u sussegwentement estiż għall-pubblikazzjonijiet online. F'*Shevill* il-QĠUE ddeċidiet li l-Artikolu 7(2) tar-Regolament jattribwixxi ġuriżdizzjoni lill-qrati ta' kull Stat Membru li fih tqassmet il-pubblikazzjoni u fejn il-vittma ssostni li ġarrbet dannu għar-reputazzjoni tagħha bħala l-post fejn immaterjalizza d-dannu, iżda biss fir-rigward tad-dannu kkawżat f'dak l-Istat, mhux għad-dannu madwar id-dinja[27]. F'*eDate* (C-509/09 u C-161/10), il-prinċipju mużajk ġie estiż għal kawżi ta' ksur tad-drittijiet tal-personalità online. Madankollu, fil-każ ta' kontenut online, il-qrati tal-post fejn jinsab iċ-ċentru tal-interessi tal-vittma[28] tqiesu li għandhom ġuriżdizzjoni biex jiddeċiedu dwar id-dannu kollu[29]. Id-distinzjoni bejn kontenut online u offline tista' tiġi kkritikata bħala diffiċli

[25] Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sánchez-Bordona ppreżentati fis-17 ta' Diċembru 2020 f'*VEB*, il-punt 33.

[26] Ir-Regolament (KE) Nru 864/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali (Ruma II).

[27] Dak id-dannu jista' jintalab biss fl-Istat Membru fejn il-konvenut huwa domiċiljat (l-Artikolu 4) jew fejn seħħ l-avveniment li wassal għad-dannu (l-Artikolu 7(2)).

[28] Mifhuma bħala li jirreferu b'mod aktar preċiż għall-post fejn il-persuna kkonċernata tislet il-benefiċċji ekonomiċi, politiċi, soċjali jew saħansitra sempliċement relazzjonali l-aktar importanti mir-reputazzjoni tagħha jew tiegħu.

[29] Dan ġie kkonfermat f'*Bolagsupplysningen* (C-194/16), *Mittelbayerischer Verlag* (C-800/19) u *Gtflix Tv v DR* (C-251/20) kif ukoll il-fatt li l-qrati ta' kull Stat Membru ieħor, li fih l-informazzjoni kienet aċċessibbli,

biex tiġi applikata fil-prattika, peress li l-biċċa l-kbira tal-gazzetti huma disponibbli kemm stampati (offline) kif ukoll online[30].

Skont l-Istudju u s-sejbiet tal-proġett JUDGTRUST, il-ġurisprudenza tal-QĠUE dwar il-ksur tad-drittijiet tal-personalità ġiet ikkritikata minn akkademiċi, xi Avukati Ġenerali u prattikanti. Il-kritiċi jsostnu li s-sempliċi aċċessibbiltà tal-kontenut li jikkostitwixxi ksur ma hijiex biżżejjed sabiex tiġi stabbilita l-ġuriżdizzjoni bbażata fuq il-post fejn seħħ id-dannu, u li l-applikazzjoni tal-prinċipju mużajk twassal għal multiplikazzjoni ta' fora li ma sservi l-interess leġittimu tal-ebda parti u tmur kontra l-għanijiet ta' prevedibbiltà u amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja[31].

Din il-kritika hija partikolarment pertinenti fil-kuntest tal-fenomenu ta' kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika ("SLAPPs") li d-Direttiva Anti-SLAPP adottata reċentement[32] għandha l-għan li tiġġieled. Is-SLAPPs jikkostitwixxu abbuż tal-proċedimenti tal-qorti peress li l-objettiv tagħhom ma huwiex li ġenwinament jeżerċitaw id-dritt ta' aċċess għall-ġustizzja, iżda li jservu bħala għodda biex tintimida lill-konvenut. Dawn il-proċedimenti jistgħu jkunu bbażati fuq diversi raġunijiet, bl-allegazzjonijiet relatati mal-malafama jew ksur ieħor tad-drittijiet tal-privatezza jkunu l-aktar komuni. Kawżi ta' malafama li jitolbu kumpens għal danni jew inġunzjonijiet spiss ikunu mmirati lejn ġurnalisti u jistgħu jintużaw intenzjonalment biex isikktu l-kritika jew sabiex jipprevjenu lill-media milli teżerċita r-rwol tagħha bħala "gwardjan". Tali fastidju ġudizzjarju jista' jiġi ffaċilitat permezz tal-applikazzjoni tal-approċċ mużajk, li jwassal għal għadd kbir ta' ġuriżdizzjonijiet disponibbli li jistgħu jiġu invokati mir-rikorrent, anki b'mod parallel, sabiex jiġu eżawriti r-riżorsi tal-konvenut. Għal din ir-raġuni, matul in-negozjati tad-Direttiva Anti-SLAPP, il-Kummissjoni impenjat ruħha, permezz ta' dikjarazzjoni, biex tkompli teżamina din il-kwistjoni fil-kuntest tar-rieżami li jmiss tar-Regolament.

Bħala konklużjoni, filwaqt li l-Artikolu 7 ġeneralment jiffunzjona tajjeb, bosta riferimenti mill-qrati nazzjonali lill-QĠUE, appoġġjati mit-tweġibiet tal-Istati Membri, jenfasizzaw kwistjonijiet fl-applikazzjoni tal-Artikolu 7(1) u 7(2). Fir-rigward tal-Artikolu 7(1), il-kwistjonijiet ewlenin huma l-interpretazzjoni wiesgħa tal-kunċett ta' "materji li għandhom x'jaqsmu ma' kuntratt" u d-determinazzjoni tal-post tal-eżekuzzjoni. Fir-rigward tal-Artikolu 7(2), id-dibattiti jiffukaw fuq id-diffikultajiet fir-rigward tad-determinazzjoni tal-post tad-dannu f'każijiet ta' telf purament finanzjarju, kif ukoll ir-rilevanza kontinwa tal-prinċipju mużajk f'każijiet li jinvolvu l-ksur tad-drittijiet tal-privatezza. Rieżami futur tar-Regolament jista' għalhekk iqis modi biex jissimplifika u jimmodernizza l-Artikolu 7(1) u 7 (2).

---

huma kompetenti biex jiddeċiedu biss għad-dannu li jakkumula f'dak l-Istat Membru. Il-QĠUE ċċarat ukoll li huma biss il-qrati li għandhom ġuriżdizzjoni fuq id-dannu kollu li huma kompetenti biex jiddeċiedu dwar talbiet għat-tneħħija u r-rettifika ta' kontenut allegatament dispreġattiv peress li dawk it-talbiet ma humiex separabbli għal kull Stat Membru bħala l-ammont ta' danni.

[30] B'riżultat ta' dan, il-qrati huma meħtieġa jwettqu l-kompitu ta' sfida li jsibu fiċ-ċentru tal-interessi liema dannu jkun ġie kkawżat online (tista' tintalab mad-dinja kollha) jew offline (tista' tintalab biss fi Stat Membru wieħed).

[31] Min-naħa tagħhom, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jitolbu gwida dwar il-kwantifikazzjoni prattika tad-danni, id-distinzjoni bejn ir-residenza abitwali u ċ-ċentru tal-interessi li għandha tiġi pprovduta jew mill-QĠUE jew mil-leġiżlatur.

[32] Id-Direttiva (UE) 2024/1069 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jinvolvu ruħhom f'parteċipazzjoni pubblika minn talbiet manifestament infondati jew proċedimenti tal-qorti abbużivi ("Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika"), ĠU L, 2024/1069, 16.4.2024.

3.3. Regoli ta' ġuriżdizzjoni protettiva fuq kuntratti konklużi mill-konsumaturi[33] (Artikoli 17 – 19)

L-Artikoli minn 10 sa 23 tar-Regolament jistabbilixxu r-regoli ta' ġuriżdizzjoni li għandhom l-għan li jipproteġu l-pożizzjoni proċedurali tal-parti l-aktar dgħajfa f'tilwim relatat ma' kwistjonijiet ta' assigurazzjoni, konsumatur u impjieg.

Meta mqabbel mal-predeċessuri tiegħu, ir-Regolament kompla jsaħħaħ din il-protezzjoni. Il-bidla ewlenija, introdotta permezz tal-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni personali fl-Artikolu 6(1) u l-aġġustamenti sussegwenti għall-Artikoli 18(1), u 21(2), ippermettiet l-użu tar-regoli ta' ġuriżdizzjoni protettivi mill-konsumaturi domiċiljati fi Stat Membru u l-impjegati f'tilwim kontra negozjanti u impjegaturi domiċiljati barra mill-UE. Barra minn hekk, l-emenda tal-Artikolu 20(1) ippermettiet il-preżentazzjoni ta' pretensjonijiet mill-impjegati kontra diversi impjegaturi skont l-Artikolu 8(1), u biddlet il-pożizzjoni kif artikolata preċedentement f'*Glaxosmithkline* (C-462/06)[34].

Ir-regoli ta' ġuriżdizzjoni protettiva fuq kuntratti konklużi mill-konsumaturi jipprovdu lill-konsumaturi għażla bejn il-*forum rei* u l-*forum actoris* għal kuntratti konklużi mill-konsumaturi skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament. Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 18(2) jirrestrinġi l-possibbiltà li l-konsumaturi jiġu mħarrka esklużivament għall-qrati tal-post fejn ikunu domiċiljati.

Abbażi tar-Rapporti Nazzjonali tal-proġett JUDGTRUST, il-maġġoranza tal-Istati Membri jsibu li r-regoli fir-Regolament jiżguraw livell suffiċjenti ta' protezzjoni tal-konsumatur, minkejja li borož ta' studju f'xi Stati Membri jissuġġerixxu li l-livell għandu jissaħħaħ aktar permezz ta', pereżempju, l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikoli 17-19 għal pretensjonijiet għal danni (tort) li jmorru lil hinn minn dawk marbuta b'mod inseparabbli ma' responsabbiltà skont kuntratt li konsumatur fil-fatt ikkonkluda mal-bejjiegħ jew il-fornitur.

Id-diffikultajiet ewlenin relatati mal-applikazzjoni ta' regoli ta' ġuriżdizzjoni protettivi fuq kuntratti konklużi mill-konsumaturi jikkonċernaw:

- Il-kunċett ta' "konsumatur".
- Il-kunċett ta' "direzzjoni tal-attività kummerċjali".
- L-esklużjoni ta' kuntratti ta' trasport fl-Artikolu 17(3).
- In-nuqqas ta' applikabbiltà tar-regoli ta' ġuriżdizzjoni f'azzjonijiet ta' rimedju kollettiv[35].

a) Il-kunċett ta' "konsumatur" u l-konsegwenzi tal-bidla fid-domiċilju tal-konsumatur

L-Istudju enfasizza l-isfidi involuti fil-klassifikazzjoni ta' persuna bħala konsumatur.

Bħala regola, il-QĠUE tinterpreta l-kunċett ta' "konsumatur" b'mod restrittiv u tiddefinixxih b'kuntrast ma' "operatur ekonomiku" (professjonist)[36]. Madankollu, f'xi kawżi, il-QĠUE

[33] L-applikazzjoni ta' regoli ta' ġuriżdizzjoni fuq kuntratti konklużi mill-konsumaturi qajmet il-biċċa l-kbira tal-mistoqsijiet fil-prattika. Għal din ir-raġuni, l-analiżi tal-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli hija inkluża fit-test ewlieni tar-Rapport. L-analiżi tal-applikazzjoni tar-regoli ta' ġuriżdizzjoni fi kwistjonijiet ta' assigurazzjoni u fuq il-kuntratti ta' impjieg individwali hija inkluża fil-Parti I tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanja dan ir-Rapport.

[34] Barra minn hekk, ġiet introdotta regola ġdida fl-Artikolu 26(2) għar-regola dwar il-proroga taċita tal-ġuriżdizzjoni wara s-sentenza tal-QĠUE f'*ČPP Vienna Insurance Group* (C-111/09): il-qorti vestita issa hija obbligata tiżgura li parti aktar dgħajfa (konvenut) tiġi infurmata bid-dritt li tqajjem l-oġġezzjoni ta' nuqqas ta' ġuriżdizzjoni u bil-konsegwenzi tan-nuqqas ta' dan.

[35] Din il-kwistjoni hija indirizzata fil-punt 6.1 tar-Rapport.

tidher li adottat interpretazzjoni kemxejn usa'. Pereżempju, *f'Petruchová* (C-218/18), il-QĠUE kkonkludiet għal investimenti online li l-għarfien espert finanzjarju waħdu ma jipprekludix l-istatus ta' konsumatur. Bl-istess mod, f'*Personal Exchange International* (C-774/19), ġugatur tal-poker online tqies bħala konsumatur, minkejja li jilgħab il-logħba għal numru kbir ta' sigħat kuljum u jirċievi rebħ sostanzjali, sakemm la jkun iddikjara uffiċjalment tali attività u lanqas ma jkun offriha lil terzi bħala servizz bi ħlas. F'*Schrems* (C-498/16) il-QĠUE ddeċidiet li l-bidla fl-użu tal-kont Facebook minn esklużivament mhux professjonali għal parzjalment professjonali, ma tinvolvix it-telf ta' status ta' "konsumatur" skont it-tifsira tar-Regolament dment li l-użu predominanti mhux professjonali ta' dawk is-servizzi, li għalihom ir-rikorrent inizjalment ikkonkluda kuntratt, sussegwentement ma sarx prinċipalment professjonali. B'mod konkret, il-Qorti ddeċidiet li l-użu tal-kont għall-attivitajiet ta' pubblikazzjoni ta' kotba, ta' lekċers, ta' tħaddim ta' siti internet, ta' ġbir ta' fondi u ta' trasferiment tal-pretensjonijiet ta' diversi konsumaturi għall-finijiet tal-eżekuzzjoni tagħhom ma jwassalx għat-telf tal-istatus ta' "konsumatur" ta' utent privat ta' kont Facebook.

B'kuntrast ma' dan, f'*Wurth Automotive GmbH* (C-177/22), il-QĠUE bbażat ruħha fuq is-sentenza preċedenti tagħha f'*Gruber* (C-464/01) biex tiddeċiedi li, meta jiġi stabbilit jekk persuna tistax titqies bħala konsumatur, jista' jitqies ukoll jekk persuna li hija klijent kinitx fil-fatt, bl-imġiba tagħha stess fir-rigward tal-parti l-oħra, tat lil din tal-aħħar l-impressjoni li kienet qed taġixxi għal finijiet ta' negozju, b'tali mod li l-parti l-oħra setgħet leġittimament ma kinitx konxja mill-fini mhux professjonali tat-tranżazzjoni inkwistjoni. Jekk dan kien il-każ, ir-regoli speċjali ta' ġuriżdizzjoni fil-qasam tal-kuntratti konklużi mill-konsumaturi ma japplikawx minkejja l-eżistenza oġġettiva ta' kuntratt konkluż mill-konsumaturi.

b) Kunċett ta' "direzzjoni tal-attività kummerċjali"

F'*Pammer* (C-585/08) u *Hotel Alpenhof* (C-144/09), il-QĠUE ddeċidiet li fost il-fatturi biex jiġi stabbilit jekk attività hijiex diretta lejn l-Istat Membru tad-domiċilju tal-konsumatur huma "l-espressjonijiet manifesti tar-rieda li jagħmel kummerċ mal-konsumaturi f'dan l-Istat Membru" u lista pjuttost estensiva mhux eżawrjenti ta' ċirkostanzi li jistgħu jitqiesu għal dan il-fini[37]. Fost dawn iċ-ċirkostanzi hemm in-natura internazzjonali tal-attività inkwistjoni, bħal ċerti attivitajiet turistiċi; l-indikazzjoni tan-numri tat-telefon bil-kodiċi internazzjonali; l-użu ta' isem tad-dominju tal-ogħla livell għajr dak tal-Istat Membru li fih ikun stabbilit il-kummerċjant, pereżempju ".de", jew l-użu ta' ismijiet tad-dominju newtrali tal-ogħla livell bħal ".com" jew ".eu"; id-deskrizzjoni tal-itinerarji minn Stat Membru wieħed jew aktar għall-post fejn jiġi pprovdut is-servizz; u referenza għal klijentela internazzjonali magħmula minn klijenti domiċiljati f'diversi Stati Membri, b'mod partikolari permezz tal-preżentazzjoni ta' kontijiet miktuba minn tali klijenti[38].

Madankollu, il-qrati nazzjonali komplew jagħmlu domandi preliminari f'kawżi differenti li jinvolvu l-offerta ta' servizzi u prodotti fuq l-internet [39], u b'hekk urew li l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tar-rekwiżit li l-attività kummerċjali tiġi diretta skont it-tifsira tal-Artikolu 17(1)(c) tar-Regolament jibqgħu ta' sfida f'kuntest diġitali.

---

[36] Ara, għal dan l-għan, *Schrems* (C-498/16), il-punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata.

[37] Il-Punt 80.

[38] Il-Punt 81.

[39] Fir-rigward, b'mod partikolari, tal-Artikolu 15(1)(c) tar-Regolament Nru 44/2001, ara s-sentenzi f'*Mühlleitner* (C-190/11), *Emrek* (C-218/12), u f'*Hobohm* (C-297/14). Iktar reċentement, ara, pereżempju, it-talba għal deċiżjoni preliminari f'*Commerzbank* (C-296/20) li tikkonċerna l-interpretazzjoni tad-dispożizzjoni identika fil-Konvenzjoni ta' Lugano; f'*Lännen MCE* (C-104/22) li ddawwar l-interpretazzjoni ta' dan il-kunċett fil-qasam tat-trademark tal-UE.

c) L-esklużjoni tal-kuntratti tat-trasport fl-Artikolu 17(3)

Ir-regoli tar-Regolament li jirregolaw il-ġuriżdizzjoni fir-rigward ta' kuntratti konklużi mill-konsumaturi jkopru t-tipi kollha ta' kuntratti. L-unika esklużjoni hija prevista fl-Artikolu 17(3) dwar kuntratti ta' trasport minbarra dawk li, għal prezz fiss, jikkombinaw l-ivvjaġġar u l-akkomodazzjoni.

Għalkemm ir-raġunijiet sottostanti għal tali esklużjoni ma evolvewx, jiġifieri regoli settorjali speċjali f'konvenzjonijiet internazzjonali u strumenti oħra tal-UE dwar it-trasport ikomplu japplikaw, l-Istudju u r-Rapporti Nazzjonali juru li ħafna Stati Membri issa jqisu l-esklużjoni bħala mhux ġustifikata u jappellaw li titħassar. Xi Stati Membri jiddikjaraw li din l-esklużjoni tirrestringi l-aċċess tal-konsumatur għall-ġustizzja f'tilwim dwar id-drittijiet tal-passiġġieri f'titjira, b'mod partikolari f'każijiet fejn id-domiċilju tal-konsumatur ma jikkoinċidix mal-post tat-tluq jew tal-wasla tal-ajruplan li huma l-fora disponibbli abbażi tal-post ta' eżekuzzjoni.

Barra minn hekk, l-Istudju juri li n-nuqqas ta' kopertura tal-kuntratti tat-trasport iwassal għal applikazzjoni mhux uniformi tar-Regolament fl-Istati Membri. Diversi Stati Membri jiddeterminaw il-ġuriżdizzjoni għal tali kuntratti abbażi tar-regoli ġenerali tar-Regolament (DE, DK, BG, NL, PT), fuq konvenzjonijiet internazzjonali prevalenti fuq ir-Regolament (CY, DE, HU, IT, PT), jew fuq regoli nazzjonali (LT, PT).

Sabiex jiġi deċiż jekk l-esklużjoni għandhiex tinżamm jew titħassar mir-Regolament, huwa meħtieġ li jiġi vvalutat, b'mod partikolari, jekk strumenti oħra tal-UE jew ftehimiet internazzjonali jipprovdux protezzjoni adegwata għall-konsumaturi fir-rigward tal-ġuriżdizzjoni internazzjonali.

Bħala konklużjoni, ir-regoli dwar il-ġuriżdizzjoni protettiva tar-Regolament ġeneralment jiffunzjonaw tajjeb u jipprovdu livell sodisfaċenti ta' protezzjoni tal-konsumatur. Madankollu, ċerti aspetti tal-protezzjoni tal-konsumatur jistgħu jiġu ċċarati aktar permezz tal-ġurisprudenza jew imsaħħa b'intervent leġiżlattiv, soġġett għal analiżi ulterjuri matul ir-rieżami.

3.4. Ġuriżdizzjoni esklużiva (Artikolu 24)

Id-dispożizzjonijiet dwar il-ġuriżdizzjoni esklużiva li għandhom preċedenza fuq ir-regoli ġenerali u li huma obbligatorji jinsabu fit-Taqsima 6 tal-Kapitolu II tar-Regolament, li tikkonsisti f'Artikolu 24 wieħed. Ħlief għal kodifikazzjoni tal-ġurisprudenza *GAT* (C-4/03) fl-Artikolu 24(4), ir-Regolament ma mmodifikax aktar dan il-kap ta' ġuriżdizzjoni.

L-Istudju juri li l-Istati Membri ma identifikawx diffikultajiet kbar relatati mal-applikazzjoni ta' dan il-kap ta' ġuriżdizzjoni jew irrapportaw ġurisprudenza nazzjonali skarsa dwar il-kwistjoni. Il-kritika ewlenija tikkonċerna l-modifika unika mressqa mir-Regolament, jiġifieri, l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 24(4) għal proċedimenti li jikkonċernaw il-validità ta' privattivi meta l-kwistjoni titqajjem bħala difiża[40].

Xi Stati Membri, appoġġjati mill-Avukat Ġenerali Emiliou[41], ikkritikaw il-kodifikazzjoni tal-ġurisprudenza tal-*GAT* fl-Artikolu 24(4) peress li naqset milli tipprovdi ċarezza dwar jekk il-ksur ta' dritt ta' proprjetà industrijali jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu; testendi s-soluzzjoni adottata mill-QĠUE f'kawża speċifika ħafna ("anormali") li kienet tikkonċerna

[40] Diversi diffikultajiet oħra relatati mal-applikazzjoni tal-Artikolu 24 ġew irrapportati minn ftit Stati Membri: id-distinzjoni problematika bejn id-drittijiet *in rem* u d-drittijiet *in personam*, u l-ġurisprudenza inkonsistenti dwar il-kwistjoni.

[41] Il-konklużjoni tal-AG Emiliou tat-22 ta' Frar 2024 f'*BSH Hausgeräte*, C-339/22, ECLI:EU:C:2024:159.

azzjoni li permezz tagħha kumpanija talbet dikjarazzjoni mill-qrati Ġermaniżi li *ma* kinitx kisret żewġ privattivi Franċiżi miżmuma minn kumpanija Ġermaniża ("dikjarazzjoni negattiva") għal kawżi "normali" ta' ksur tal-privattivi; tispikka fis-sistema ta' ġuriżdizzjoni esklużiva sa fejn regoli oħra fl-Artikolu 24 ma japplikawx għal proċedimenti li fihom il-kwistjonijiet imsemmija fiha jitqajmu biss permezz ta' difiża; tiffaċilita l-abbuż permezz tal-hekk imsejħa pretensjonijiet "torpedo" u tfixkel id-dritt tad-detentur tal-privattiva għal rimedju effettiv kif ukoll ir-rekwiżit tal-effiċjenza tal-proċedura u l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja.

Barra minn hekk, ġie ddubitat jekk l-Artikolu 24 jistax ikollu effett riflessiv (*effet réflexe*) u jekk il-qrati tal-Istati Membri humiex obbligati jiddeċiedu dwar tilwim fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 24 li jkollu konnessjonijiet b'saħħithom ma' Stati terzi. B'mod partikolari, il-kwistjoni kienet jekk l-Artikolu 24 jagħtix għażla lill-qrati tal-Istati Membri jew jobbligahomx li ma jiddeċidux il-kawża, għalkemm il-konvenut ikun domiċiljat fl-Istat Membru jew il-qorti tal-Istat Membru tista' tibbaża l-ġuriżdizzjoni tagħha fuq regoli oħra fir-Regolament, f'każijiet meta privattiva tkun irreġistrata, jew proprjetà immobbli tkun tinsab fi Stat terz kif tagħmel fir-rigward ta' privattivi rreġistrati jew proprjetà immobbli li tinsab fi Stati Membri oħra.

Id-deċiżjoni reċenti tal-QĠUE f'*BSH Hausgeräte* (C-339/22) ipprovdiet tweġiba għall-mistoqsija li qabel kienet qasmet il-qrati tal-Istati Membri u l-akkademiċi f'żewġ kampijiet opposti. F'din is-sentenza, il-QĠUE ċċarat li l-Artikolu 24(4) ma għandux effett riflessiv.[42] Din il-konklużjoni tista' tiġi estrapolata għall-Artikolu 24 kollu.

Barra minn hekk, fis-sentenza tagħha f'*BSH Hausgeräte* (C-339/22), il-QĠUE kompliet tiċċara d-deċiżjoni tagħha f'*GAT* li tiddikjara li qorti tal-Istat Membru tad-domiċilju tal-konvenut li hija vestita, skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament, ta' azzjoni li tallega ksur ta' privattiva mogħtija fi Stat Membru ieħor, għad għandha ġuriżdizzjoni biex tkun adita bir-rikors meta, fil-kuntest ta' dik l-azzjoni, dak il-konvenut jikkontesta, bħala difiża tiegħu, il-validità ta' dik il-privattiva, filwaqt li l-qrati ta' dak l-Istat Membru l-ieħor għandhom ġuriżdizzjoni esklużiva biex jiddeċiedu dwar dik il-validità.

Bħala konklużjoni, ir-regoli li jistabbilixxu l-ġuriżdizzjoni esklużiva tar-Regolament ġeneralment joperaw tajjeb. Madankollu, rieżami futur tar-Regolament jista' jqis mill-ġdid il-formulazzjoni tal-Artikolu 24(4) li kellu l-għan li jikkodifika l-ġurisprudenza tal-*GAT* fid-dawl tal-iżviluppi reċenti f'*BSH Hausgeräte*.

4. RIKONOXXIMENT U EŻEKUZZJONI

Ir-Regolament abolixxa l-ħtieġa għal dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà (*exequatur*) sabiex sentenza barranija tiġi eżegwita, bidla ġġustifikata abbażi ta' fiduċja reċiproka fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja fost l-Istati Membri. Is-sistema l-ġdida taħdem pjuttost tajjeb fil-prattika u kellha effett pożittiv fuq it-tnaqqis tal-kostijiet u l-ammont ta' xogħol tal-qrati[43]. Hemm xi varjazzjonijiet nazzjonali relatati speċjalment mal-interpretazzjoni tar-raġunijiet għar-rifjut, iżda dan ma jaffettwax il-funzjonament tajjeb ġenerali tas-sistema ta' rikonoxximent u eżekuzzjoni. Il-Qorti interpretat dawn ir-raġunijiet għal rifjut b'mod konsistenti matul is-snin u l-ftit kawżi ippreżentati skont ir-Regolament ma jbiddlux din is-sitwazzjoni. Kollox ma' kollox, filwaqt li ma ġiet irrapportata l-ebda kwistjoni partikolari

[42] Id-domandi magħmula mill-qorti Svediża jirrigwardaw l-interpretazzjoni u l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 24(4) tar-Regolament f'tilwima dwar ksur ta' privattiva li fiha l-konvenut jitlob l-invalidità tal-privattivi inkwistjoni fil-pajjiżi fejn jiġu ppreżentati jew irreġistrati.

[43] Tabilħaqq, filwaqt li l-Istudju kkonferma dawn is-sejbiet f'ħafna Stati Membri, xi rispondenti enfasizzaw ukoll impatt aktar limitat prinċipalment minħabba l-persistenza tar-raġunijiet ta' rifjut.

relatata mas-sistema (ġdida) għar-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni, għadd ta' kwistjonijiet tekniċi jistgħu jiġġustifikaw riflessjoni ulterjuri fi proċess ta' rieżami futur possibbli.

Applikazzjoni tar-raġunijiet għar-rifjut

L-Artikolu 45 tar-Regolament jelenka għadd ta' raġunijiet li jistgħu jwasslu għar-rifjut tar-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni. Dawn ir-raġunijiet ivarjaw minn ksur tal-ordni pubbliku fl-Istat Membru indirizzat, għan-notifika xierqa tal-proċess lill-konvenut inadempjenti u l-irrikonċiljabbiltà ma' sentenzi oħra.

Il-kunċett ta' ordni pubbliku kien is-suġġett ta' rinviju lill-Qorti f'diversi okkażjonijiet. Filwaqt li l-Qorti tħalli l-interpretazzjoni ta' dan il-kunċett f'idejn il-qrati nazzjonali, hija tista' tistħarreġ il-limiti ta' dik l-applikazzjoni (*Diageo Brands*, C-681/13). Pereżempju, f'*H Limited* (C-568/20), il-Qorti tenniet il-ġurisprudenza stabbilita tagħha li l-ordni pubbliku għandu jiġi interpretat b'mod strett u jista' jintuża "biss fil-każ fejn ir-rikonoxximent tas-sentenza mogħtija f'dan l-Istat Membru jikkostitwixxi ksur manifest ta' regola tad-dritt meqjusa essenzjali fl-ordinament ġuridiku tal-Istat indirizzat jew ta' dritt irrikonoxxut bħala fundamentali f'dan l-ordinament ġuridiku". F'kawża aktar reċenti (*Real Madrid Club de Fútbol* (C-633/22)), il-Qorti qieset li ksur manifest ta' dritt fundamentali skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jista' jikkostitwixxi ksur tal-ordni pubbliku li jiġġustifika r-rifjut tal-eżekuzzjoni. Fl-istess ħin, il-Qorti rrikonoxxiet fl-istess sentenza li l-prinċipju ta' fiduċja reċiproka jirrikjedi li l-Istati Membri kollha jqisu li Stati Membri oħra jikkonformaw mad-dritt tal-UE, b'mod partikolari mad-drittijiet fundamentali stabbiliti fiha.

Fil-livell nazzjonali, il-politika pubblika rarament tiġi invokata biex tiċħad ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni u, meta tkun, rarament tirnexxi[44]. Dan juri li, b'mod ġenerali, il-qrati nazzjonali jsegwu l-ġurisprudenza tal-Qorti u japplikaw interpretazzjoni restrittiva ta' dan il-kunċett.

L-Artikolu 45(1), il-punti (c) u (d) fihom żewġ raġunijiet għal rifjut li jirreferu għal sentenza irrikonċiljabbli bejn l-istess partijiet fl-Istat Membru indirizzat (il-punt (c)), jew għal sentenza preċedenti bejn l-istess partijiet u dwar l-istess kawża ta' azzjoni mogħtija fi Stat Membru ieħor jew fi Stat terz (il-punt (d)). Il-Qorti f'*London Steam-Ship Owners' Mutual Insurance* (C-700/20) qajmet mistoqsijiet dwar is-sinjifikat tal-osservanza tar-regoli *lis pendens* tal-Artikoli 29-30 fil-kuntest tal-invokazzjoni tar-raġuni għal rifjut ta' sentenzi irrikonċiljabbli[45].

Tabilħaqq, ħlief fil-każ fejn il-qorti tal-oriġini jkollha ġuriżdizzjoni esklużiva, ir-Regolament ma fih l-ebda mekkaniżmu ta' kontroll tar-regoli *lis pendens* applikabbli bis-saħħa tal-Artikoli 29-30[46]. Għall-kuntrarju ta' dawn id-dispożizzjonijiet, li jiffavorixxu l-qorti vestita l-ewwel, il-punt (d) tal-Artikolu 45(1) jiffavorixxi s-sentenza preċedenti, anki meta l-proċedimenti jkunu bdew wara dawk li jkunu wasslu biex is-sentenza tiġi rikonoxxuta u eżegwita. Min-naħa l-oħra, il-punt (c) tal-Artikolu 45(1) ma fih l-ebda rekwiżit ta' żmien, iżda l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu huwa usa' minn dak tar-regoli ta' *lis pendens*.

---

[44] Il-proġett JUDGTRUST juri li din ir-raġuni għal rifjut rarament tiġi invokata f'xi Stati Membri (ET, FR, IT, NL). Anki meta tiġi invokata aktar spiss il-qrati rarament japplikawha biex jirrifjutaw ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni (BG, PL).

[45] Il-kawża inkwistjoni kien relatat mas-sitwazzjoni speċifika tas-sentenza mit-tieni qorti invokata li hija sentenza mdaħħla fit-termini ta' deċiżjoni ta' arbitraġġ.

[46] Dan sar ċar fis-sentenza *Liberato*, kawża deċiża fl-2019 mill-Qorti skont ir-Regolament Brussell I. F'din is-sentenza, il-Qorti ddikjarat li anki fil-każ ta' ksur tar-regola *lis pendens*, il-qrati tal-Istat Membru tal-ewwel qorti vestita ma jistgħux jirrifjutaw ir-rikonoxximent għal din ir-raġuni biss. Bl-istess mod, tali ksur ma huwiex manifestament kuntrarju għall-ordni pubbliku tal-Istat Membru fejn intalab ir-rikonoxximent.

B'riżultat ta' dan, filwaqt li r-raġuni għar-rifjut relatata mal-politika pubblika ma tidhirx li toħloq diffikultajiet prattiċi, rieżami futura possibbli tar-Regolament tista' tħares aktar lejn il-konsistenza bejn il-punti (c) u (d) tal-Artikolu 45(1) u r-regoli *lis pendens*.

5. RELAZZJONI MA' STRUMENTI OĦRA (L-ARTIKOLI 67 – 74)

Ir-Regolament ma biddilx sostanzjalment ir-regoli li jirregolaw ir-relazzjoni tiegħu ma' strumenti oħra tal-UE jew internazzjonali minbarra l-entrati l-ġodda mmirati biex jippermettu l-implimentazzjoni tal-hekk imsejjaħ "pakkett tal-privattivi" fl-Artikoli 71a-71d, u l-kjarifika tar-relazzjoni bejn ir-Regolament u l-konvenzjoni ta' Lugano[47], il-Konvenzjoni ta' New York[48] u l-konvenzjonijiet u l-ftehimiet bilaterali bejn l-Istat terz u Stat Membru konklużi qabel l-1 ta' Marzu 2002, fl-Artikolu 73.

L-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli fl-Istati Membri hija irregolari ħafna. Peress li l-Qorti Unifikata tal-Privattivi saret operattiva biss fl-1 ta' Ġunju 2023, l-Artikoli 71a-71d għadhom ma influwenzawx il-prattika tal-qrati fl-ebda wieħed mill-Istati Membri jew fil-livell ġudizzjarju tal-UE. B'kuntrast, applikazzjoni estensiva tal-Artikolu 71 mill-qrati nazzjonali hija osservata fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Il-lista ta' konvenzjonijiet internazzjonali li skattaw l-applikazzjoni tal-Artikolu 71 f'diversi Stati Membri hija pjuttost wiesgħa, fejn ħafna drabi ssir referenza għas-CMR[49] u konvenzjonijiet oħra fil-qasam tat-trasport.

Fis-sentenza tagħha f'*TNT Express Netherland* (C-533/08), il-Qorti ddeċidiet li d-dispożizzjoni tar-Regolament Brussell I identika għall-Artikolu 71 attwali għandha l-għan li tikkoordina r-Regolament ma' konvenzjonijiet internazzjonali speċjalizzati. Barra minn hekk, il-Qorti stabbiliet li tali koordinazzjoni għandha tiġi ppromulgata mingħajr ma jiġu ppreġudikati l-prinċipji fundamentali li fuqhom huwa bbażat ir-Regolament, b'mod partikolari l-moviment liberu tas-sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, il-prevedibbiltà tal-ġuriżdizzjoni, l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, il-minimizzazzjoni tar-riskju ta' proċedimenti simultanji u l-fiduċja reċiproka fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja fl-Unjoni Ewropea. F'din is-sentenza, il-Qorti stabbiliet l-hekk imsejjaħ "test *TNT*" li l-qrati nazzjonali huma mistennija japplikaw f'sitwazzjonijiet meta r-regoli tar-Regolament u dawk ta' konvenzjoni speċjalizzata, li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 71 ta' dak ir-Regolament, japplikaw, sabiex jiġi żgurat li r-regoli tal-konvenzjonijiet speċjalizzati japplikaw biss meta ma jaffettwawx b'mod negattiv il-prinċipji fundamentali li fuqhom huwa bbażat ir-reġim ta' Brussell. Il-QĠUE tenniet ripetutament dawn il-prinċipji, l-aktar reċenti f'*Gjensidige* (C-90/22).

Id-digriet tar-rinviju tal-Qorti Suprema Litwana fil-kawża *Gjensidige* (C-90/22) juri sew id-diffikultajiet li l-qrati nazzjonali jiffaċċjaw meta japplikaw l-Artikolu 71 tar-Regolament. Dawn id-diffikultajiet huma primarjament attribwiti għan-nuqqas ta' ċarezza tat-test TNT u jitqiesu li jipperikolaw l-applikazzjoni uniformi tal-Artikolu 71 fl-Istati Membri kollha, speċjalment peress li ġew irrapportati sfidi simili minn Stati Membri oħra.

Bħala konklużjoni, b'mod ġenerali, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament li jirregolaw ir-relazzjoni bejn ir-Regolament u strumenti oħra tal-UE u konvenzjonijiet internazzjonali, meta applikati, jidhru li joperaw tajjeb u jġibu ċ-ċarezza meħtieġa dwar il-post tar-Regolament fis-sistema tal-istrumenti tal-UE u dawk internazzjonali li jirregolaw ukoll kwistjonijiet ta'

[47] Il-Konvenzjoni dwar il-ġuriżdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali tat-30 ta' Ottubru 2007, ĠU L 339, 21.12.2007, p. 1.

[48] Il-Konvenzjoni dwar ir-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni ta' Deċiżjonijiet ta' Arbitraġġ Barranin adottata fl-10 ta' Ġunju 1958, daħlet fis-seħħ fis-7 ta' Ġunju 1959) 330 UNTS 38 (il-Konvenzjoni ta' New York).

[49] Il-Konvenzjoni dwar il-Kuntratt għat-Trasport Internazzjonali tal-Merkanzija bit-Triq, iffirmata f'Ġinevra fid-19 ta' Mejju 1956, kif emendata mill-Protokoll iffirmat f'Ġinevra fil-5 ta' Lulju 1978.

ġuriżdizzjoni internazzjonali jew rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi. Madankollu, rieżami futur jista' jeżamina l-possibbiltà li l-Artikolu 71 jiġi ċċarat aktar fid-dawl tal-interpretazzjoni pprovduta mill-QĠUE.

6. KWISTJONIJIET ORIZZONTALI

6.1. Rimedju kollettiv

Ir-Regolament ma jipprovdix regoli speċifiċi applikabbli għal azzjonijiet tal-massa, tipikament azzjonijiet meta grupp ta' atturi jfittxu danni minn konvenut wieħed jew aktar, imsejħa rimedju kollettiv kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-2013[50]. L-azzjonijiet rappreżentattivi għall-protezzjoni tal-interessi kollettivi tal-konsumaturi kif stabbiliti mid-Direttiva (UE) 2020/1828[51] dwar l-Azzjonijiet Rappreżentattivi jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' rimedju kollettiv preżenti f'din ir-Rakkomandazzjoni tal-aħħar. Tqajmu għadd ta' mistoqsijiet dwar jekk l-applikazzjoni tar-regoli ordinarji dwar il-ġuriżdizzjoni fi kwistjonijiet relatati ma' danni (tort) jew kuntratti konklużi mill-konsumaturi hijiex adatta għall-fini tagħha sabiex tittratta b'mod effettiv it-talbiet għal rimedju kollettiv.

Il-QĠUE ttrattat dan it-tip ta' kawżi f'diversi okkażjonijiet: F'*Henkel* (C-167/00), il-Qorti kkonkludiet li l-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni ta' Brussell (l-Artikolu 7(2) tar-Regolament) japplika għal azzjonijiet imressqa minn organizzazzjoni li tirrappreżenta l-interessi tal-konsumaturi. Madankollu, il-Qorti kienet ukoll tal-fehma li l-protezzjoni speċjali mogħtija lill-konsumaturi individwali fit-Taqsima 4 tar-Regolament ma tapplikax għal tali organizzazzjonijiet. F'*Schrems* (C-498/16) il-Qorti sostniet li meta l-pretensjonijiet ikunu ġew ittrasferiti lil attur konsumatur minn konsumaturi oħra, domiċiljati fl-istess Stat Membru jew xi mkien ieħor (fi Stat Membru ieħor jew anki barra mill-UE) l-attur ma jistax jinvoka l-ġuriżdizzjoni fid-domiċilju tiegħu għal dawn il-pretensjonijiet ittrasferiti abbażi tal-Artikolu 18 tar-Regolament.

F'żewġ deċiżjonijiet ulterjuri f'kawżi ta' rimedju kollettiv, il-Qorti pprovdiet kjarifiki addizzjonali dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 7(2) f'tali sitwazzjonijiet, jiġifieri li l-post tal-avveniment dannuż irid jiġi vvalutat għal kull pretensjoni irrispettivament minn kwalunkwe assenjazzjoni jew konsolidazzjoni sussegwenti (*CDC Hydrogen Peroxide SA,* C-352/13) jew li l-post fejn iseħħ id-dannu fil-każ ta' vetturi mgħammra b'software armat ikun fl-Istat Membru fejn inxtraw l-oġġetti difettużi (*VKI vs Volkswagen,* C-343/19). Il-kwistjoni tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 7(2) f'dan il-kuntest qamet ukoll f'kawża reċenti, li kienet għadha pendenti fiż-żmien meta kien qed jiġi ffinalizzat dan ir-rapport (*Stichting Right to Consumer Justice v Apple,* C-34/32). F'din il-kawża, diversi domandi dwar l-interpretazzjoni tal-post fejn seħħ il-fatt dannuż jew fejn seħħew id-danni tressqu quddiem il-Qorti fil-kuntest ta' pretensjoni għad-danni għal allegat ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-UE minn pjattaforma online li fil-prinċipju hija aċċessibbli madwar id-dinja. Fil-konklużjoni tiegħu maħruġa fis-27 ta' Marzu 2025, l-Avukat Ġenerali Sánchez-Bordona kkonkluda li għaż-żewġ postijiet fattur ewlieni ta' konnessjoni huwa d-domiċilju tal-utent. B'mod importanti, l-Avukat Ġenerali kien tal-opinjoni li l-Artikolu 7(2) ma għandux jiġi interpretat b'mod differenti jekk l-azzjoni titressaq minn entità li hija kkwalifikata skont id-dritt nazzjonali biex tressaq azzjonijiet rappreżentattivi. Fl-aħħar nett, l-Avukat Ġenerali qies li regola proċedurali

[50] Ara r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Ġunju 2013 dwar prinċipji komuni għal mekkaniżmi ta' rimedju kollettiv ta' inġunzjoni u kumpensatorji fl-Istati Membri li jirrigwardaw il-ksur tad-drittijiet skont il-Liġi tal-Unjoni (2013/396/UE), ĠU L 201, 26.7.2013.

[51] Id-Direttiva (UE) 2020/1828 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2020 dwar azzjonijiet rappreżentattivi għall-protezzjoni tal-interessi kollettivi tal-konsumaturi, u li tħassar id-Direttiva 2009/22/KE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), ĠU L 409, 4.12.2020, p. 1.

nazzjonali li tippermetti lil qorti tikkonsolida azzjonijiet simili pendenti fl-istess Stat Membru hija kompatibbli mal-Artikolu 7(2).

Il-mistoqsijiet imqajma f'dawn il-kawżi kienu kollha relatati mal-ġuriżdizzjoni tal-qrati, jiġifieri l-applikazzjoni diffiċli attwali tal-Artikolu 7(2) fi pretensjonijiet kollettivi minħabba l-impossibbiltà li jiġu kkonsolidati l-proċedimenti f'qorti waħda jew in-nuqqas tal-possibbiltà li jiġu kkonsolidati l-proċedimenti fid-domiċilju ta' wieħed mill-atturi (*forum actoris*) fi pretensjonijiet kollettivi tal-konsumatur, fejn il-konsumaturi jkunu domiċiljati fl-istess Stat Membru jew fi Stati Membri differenti[52].

Jidher li r-Regolament jista' joħloq piżijiet bla bżonn għall-atturi fi pretensjonijiet għal rimedju kollettiv minħabba li fil-biċċa l-kbira tal-kawżi jkollhom jirrikorru għal aktar minn qorti waħda sabiex jagħmlu litigazzjoni. Dan, min-naħa tiegħu, jista' jwassal għal sentenzi irrikonċiljabbli. Filwaqt li r-regola tal-pretensjonijiet relatati fl-Artikolu 30 tar-Regolament tista' tipprovdi soluzzjonijiet għal din is-sitwazzjoni, l-atturi xorta jridu jippreżentaw l-applikazzjoni fi qrati differenti qabel konsolidazzjoni possibbli fil-qorti invokata l-ewwel. Dan joħloq piż addizzjonali għall-atturi, b'mod partikolari jekk ikunu partijiet aktar dgħajfa.

B'riżultat ta' dan, rieżami futur possibbli tar-Regolament jista' jkompli jeżamina din il-kwistjoni, b'mod partikolari dwar jekk ir-Regolament jirregolax b'mod sodisfaċenti l-ġuriżdizzjoni fi pretensjonijiet kollettivi (tal-konsumatur).

6.2. L-impatt tad-diġitalizzazzjoni fuq ir-Regolament

It-trasformazzjoni diġitali bdiet ferm qabel l-adozzjoni tar-Regolament iżda aċċellerat b'mod bla preċedent, anki fid-dawl tal-kriżi tal-COVID-19. Seħħet bidla mingħajr preċedent tal-attivitajiet kummerċjali minn fil-biċċa l-kbira offline għal online, inkluż l-użu tal-media soċjali, l-apparati intelliġenti, il-kriptovaluti, u t-teknoloġiji tal-blockchain kif ukoll splużjoni fid-domanda għal xogħol mill-bogħod u fuq il-pjattaformi li aċċellerat it-trasformazzjoni diġitali tal-postijiet tax-xogħol fl-Unjoni Ewropea u lil hinn minnha. Fl-istess ħin, il-kriżi tal-COVID-19 issottolinjat ukoll l-importanza tad-diġitalizzazzjoni tal-proċeduri ġudizzjarji fl-iżgurar tal-aċċess għall-ġustizzja.

6.2.1. Diġitalizzazzjoni tal-"kontenut"

Il-multiplikazzjoni ta' relazzjonijiet "diġitali" li huma intrinsikament aterritorjali u użu dejjem akbar ta' teknoloġiji diġitali li jinsabu kullimkien fin-natura, mingħajr sorpriża ħolqot diversi sfidi għall-applikazzjoni tar-Regolament li jistabbilixxi regoli ta' ġuriżdizzjoni tradizzjonalment ibbażati fuq fatturi ta' konnessjoni ġeografiċi.

Ir-riferimenti lill-QĠUE li jfittxu gwida dwar l-applikazzjoni tar-Regolament għal "kontenut diġitali" juru sew dawn l-isfidi ewlenin. Il-qrati nazzjonali jiltaqgħu ma' diffikultajiet meta jiddeterminaw jekk il-ftehim dwar il-proroga tal-ġuriżdizzjoni ġiex konkluż b'mod validu online (*Tilman*, C-358/21), il-post tal-eżekuzzjoni li jikkonċerna l-kunsinna ta' oġġetti diġitali jew il-provvista ta' servizzi online (*VariusSystems*, C-526/23), fejn id-dannu huwa kkawżat minn applikazzjoni li tista' titniżżel madwar id-dinja (*Apple*, C-34/24), biex insemmu biss ftit.

Iż-żieda mistennija fl-użu tat-teknoloġiji tal-blockchain, iż-żieda fid-diġitalizzazzjoni tal-istabbiliment ta' kumpaniji, il-varar tal-Intelliġenza Artifiċjali f'diversi setturi u l-ħolqien ta' metaversi ċertament se joħolqu mistoqsijiet u sfidi ġodda wkoll. Pereżempju, il-psewdonimità (jew l-anonimità) tal-partijiet involuti fit-tranżazzjonijiet jew l-għadd spiss mhux magħruf ta' parteċipanti f'network blockchain jistgħu jqajmu diffikultajiet għall-applikazzjoni tar-regola bażika ħafna tad-domiċilju tal-konvenut.

[52] L-Istudju identifika l-istess kwistjoni tal-possibbiltajiet limitati ħafna għall-konsolidazzjoni.

Madankollu, għalissa, id-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom il-qrati nazzjonali meta japplikaw ir-Regolament f'kuntest diġitali ma humiex daqshekk differenti minn dawk li jirriżultaw f'kuntest "mhux diġitali". Pereżempju, l-għadd ta' riferimenti li jfittxu gwida dwar l-istabbiliment tal-post tal-eżekuzzjoni ta' kuntratt online għall-finijiet tal-Artikolu 7 tar-Regolament ma huwiex akbar minn dak li jikkonċerna l-kuntratti offline. Barra minn hekk, bħal fil-każ tal-applikazzjoni tar-Regolament fil-qasam mhux diġitali, il-QĠUE pprovdiet gwida utli dwar l-applikazzjoni tar-regoli tar-Regolament għall-kontenut diġitali.

Bħala konklużjoni, f'dan l-istadju, la l-mistoqsijiet riferuti lill-QĠUE, lanqas id-deċiżjonijiet ta' din tal-aħħar, u lanqas id-data skarsa miġbura fil-livell nazzjonali[53] ma jippermettu li jinsiltu konklużjonijiet sodi dwar l-adegwatezza tar-regoli attwali tar-Regolament f'ambjent diġitali dejjem akbar.

6.2.2. Diġitalizzazzjoni tal-proċeduri ġudizzjarji

Fir-rigward tad-diġitalizzazzjoni tal-proċeduri ġudizzjarji, il-Kummissjoni ilha taħdem b'mod attiv fuq id-diġitalizzazzjoni tas-sistemi ġudizzjarji b'enfasi partikolari fuq il-kooperazzjoni transfruntiera diġitali għal materji ċivili u kummerċjali biex tiżgura aċċess mingħajr interruzzjoni għall-ġustizzja u kooperazzjoni ġudizzjarja bla xkiel u effiċjenti, u biex tnaqqas id-dewmien proċedurali, il-piż amministrattiv u l-kostijiet. Dan l-isforz li laħaq il-qofol tiegħu fl-adozzjoni tal-pakkett tad-Diġitalizzazzjoni[54] fi tmiem l-2023 li biddel il-mezz ta' komunikazzjoni għall-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti għal 24 att legali (fost l-oħrajn ir-Regolament) għal diġitali u stabbilixxa kanal ta' komunikazzjoni diġitali (punt ta' aċċess elettroniku Ewropew (EEAP, European electronic access point)) bejn persuni fiżiċi jew ġuridiċi u l-awtoritajiet kompetenti għal ċerti istanzi ta' komunikazzjoni limitati f'materji ċivili u kummerċjali, inklużi l-proċedimenti għar-rikonoxximent, dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà jew rifjut ta' rikonoxximent u l-proċeduri relatati mal-ħruġ, ir-rettifika u l-irtirar taċ-ċertifikat skont ir-Regolament. Dawn l-isforzi jimxu id f'id maż-żieda fl-isforzi nazzjonali mill-Istati Membri f'dan il-qasam, kif rifless fit-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE annwali[55] u fl-Istrateġija Ewropea tal-Ġustizzja Elettronika tal-Kunsill 2024 - 2028[56].

Sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-pakkett tad-Diġitalizzazzjoni, il-Kummissjoni hija obbligata tadotta għadd ta' atti ta' implimentazzjoni. Għar-Regolament, l-att ta' implimentazzjoni jrid jiġi adottat sas-17 ta' Jannar 2029, u se jikkonċerna prinċipalment l-istabbiliment ta' sistema tal-IT deċentralizzata għall-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti u l-integrazzjoni tal-EEAP għal diversi proċessi ta' komunikazzjoni, bħall-proċedimenti għar-rifjut tar-rikonoxximent skont l-Artikolu 45 tar-Regolament kif ukoll il-proċeduri relatati

[53] Il-ġbir ta' data dwar l-impatt tad-diġitalizzazzjoni tal-kontenut fuq l-applikazzjoni tar-Regolament, li sar bħala parti mill-Istudju, ta riżultati skarsi fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali. Ma huwiex ċar jekk dan huwiex spjegat minn nuqqas ta' informazzjoni dwar dawn il-kawżi jew minn nuqqas ta' litigazzjoni.

[54] Ir-Regolament (UE) 2023/2844 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 dwar id-diġitalizzazzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja u l-aċċess għall-ġustizzja f'materji ċivili, kummerċjali u kriminali transfruntieri, u li jemenda ċerti atti fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja u d-Direttiva (UE) 2023/2843 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 li temenda d-Direttivi 2011/99/UE u 2014/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva tal-Kunsill 2003/8/KE u d-Deċiżjonijiet Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI, 2003/577/ĠAI, 2005/214/ĠAI, 2006/783/ĠAI, 2008/909/ĠAI, 2008/947/ĠAI, 2009/829/ĠAI u 2009/948/ĠAI, fir-rigward tad-diġitalizzazzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja.

[55] Il-Komunikazzjoni tal-20 ta' Marzu 2024 mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni (COM (2023) 309 final): It-Tabella ta' Valutazzjoni Annwali tal-Ġustizzja tal-UE għall-2023.

[56] https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-15509-2023-INIT/mt/pdf

mal-ħruġ, ir-rettifika u l-irtirar taċ-ċertifikati. Wara l-implimentazzjoni, dawn ir-regoli l-ġodda se jsiru applikabbli fl-Istati Membri sal-bidu tal-2031 u se jissimplifikaw u jħaffu l-proċeduri f'materji ċivili u kummerċjali b'implikazzjonijiet transfruntiera.

Minbarra d-diġitalizzazzjoni tal-proċeduri eżistenti billi jinbidel il-mezz ta' komunikazzjoni mal-Pakkett tad-Diġitalizzazzjoni, rieżami futur tar-Regolament jista' jeżamina wkoll modi ulterjuri biex jiġi mmodernizzat il-funzjonament tar-Regolament. Tali modernizzazzjoni tar-Regolament tista' tqis il-benefiċċji tad-diġitalizzazzjoni u tqis it-tqassir ta' skadenzi differenti jew titjib fil-komunikazzjoni bejn il-qrati, pereżempju f'kawża ta' proċedimenti paralleli. Tista' tiġi esplorata wkoll id-diġitalizzazzjoni sħiħa tal-proċeduri ġudizzjarji f'każijiet meta japplika r-Regolament .

Bħala konklużjoni, f'dan il-punt il-Kummissjoni ma għandhiex biżżejjed data li turi l-inadegwatezza tar-regoli tar-Regolament dwar il-ġuriżdizzjoni internazzjonali għax-xenarji u t-tranżazzjonijiet diġitali, iżda l-iżviluppi għandhom ikomplu jiġu mmonitorjati mill-qrib. B'kuntrast ma' dan, rieżami tar-Regolament jista' jinvestiga modi possibbli biex jiġu rieżaminati u ssimplifikati l-proċeduri skont ir-Regolament bħala parti mir-riforma diġitali tas-sistemi tal-ġustizzja ċivili mmexxija mill-pakkett tad-Diġitalizzazzjoni.

7. KUMMENTI FINALI

Matul aktar minn 10 snin mill-applikazzjoni tiegħu, ir-Regolament ħadem tajjeb u ġeneralment laħaq l-objettivi ewlenin tiegħu – li jtejjeb iċ-ċertezza legali fir-rigward tal-qrati li jkollhom ġuriżdizzjoni f'tilwim transfruntier u li jissimplifika l-mekkaniżmu għar-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tas-sentenzi.

Madankollu, f'qasam li ma ġiex indirizzat bis-sħiħ fir-riformulazzjoni tar-Regolament, jiġifieri **l-estensjoni tar-regoli ta' ġuriżdizzjoni biex ikopru konvenuti mhux domiċiljati fi Stat Membru**, hija meħtieġa analiżi ulterjuri sabiex jiġi deċiż jekk tali estensjoni għandhiex tkun is-suġġett ta' intervent leġiżlattiv.

Barra minn hekk, għadd ta' kunċetti jistgħu jiġu meqjusa għal aktar kjarifika jew simplifikazzjoni sabiex tittejjeb l-applikazzjoni tagħhom fil-prattika. Dan huwa l-każ għal diversi dispożizzjonijiet li jittrattaw il-kamp ta' applikazzjoni, bħall-**esklużjoni tal-arbitraġġ**, kif ukoll il-kunċett ta' "**qorti jew tribunal**" jew dak relatat ma' **miżuri proviżorji, inklużi miżuri protettivi.**

Bl-istess mod, tista' tiġi esplorata l-possibbiltà li tiġi ssimplifikata u msaħħa aktar l-effettività tad-dispożizzjonijiet dwar il-ġuriżdizzjoni, b'mod partikolari dawk fl-**Artikolu 7(1) u 7(2),** kif ukoll dawk relatati mal-kuntratti konklużi mill-konsumaturi. Riflessjoni simili tista' tqis jekk **ir-regoli dwar ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni** jistgħux jiġu razzjonalizzati u ssimplifikati aktar.

Hija meħtieġa wkoll analiżi ulterjuri sabiex jiġi deċiż jekk l-għodod proċedurali meħtieġa biex ikopru ċertu tip ta' pretensjonijiet, bħal dawk komunement imsejħa **rimedju kollettiv**, jistgħux jissaħħu aktar permezz ta' intervent leġiżlattiv.

Fl-aħħar nett, tista' titqies il-possibbiltà li **tittejjeb il-koordinazzjoni bejn ir-Regolament u l-istrumenti internazzjonali** u **l-modi kif jiġu mmodernizzati u ssimplifikati l-proċeduri** skont ir-Regolament bħala parti mir-**riforma diġitali tas-sistemi tal-ġustizzja ċivili**.

Għalhekk, il-Kummissjoni **se tibda rieżami formali** tar-Regolament sabiex tqis u potenzjalment tħejji proposta biex temenda jew tfassal mill-ġdid ir-Regolament f'konformità mar-regoli ta' Regolamentazzjoni Aħjar jekk dan ir-rieżami jikkonkludi li l-bidliet huma meħtieġa u xierqa.